**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kaz numru: 300/2016**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Doriette Cuschieri)**

**vs.**

**Joanne Sciberras**

Illum il-15 ta' Dicembru 2022

Il Qorti rat li tressqet Joanne Sciberras ta' 37 sena, bint Luciano Sciberras u Felicissima nee' Falzon, imwielda Attard, fl-20 ta' Lulju 1978, resident 157, Triq l-Isqof F.S. Caruana, Msida u detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 388178M

Billi int akkuzatha talli f'Jannar 2015 u fil-granet u fix-xhur ta' wara, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda,

1. b'mezzi kontra il-liġi jew billi għamilt użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrejt ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti mmaġinarji, jew sabiex qanqalt tama jew biża' dwar ġrajja kimerika, għamilt qliegħ ta' aktar minn hames t'elef ewro (€5,000), ghad-detriment ta' Alaawer Hamza id. 214011L u/jew Simon Grixti id. 452770M u/jew Marflene Cricchiola id. 513386M;

2. approprjajt ruhek, billi dawwart bi profit ghalik jew ghal persuna ohra, is-somma ta' aktar minn ħamest elef euro (€5000) taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilek minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghek, ghad-dannu ta' Alaawer Hamza id. 214011L u/jew Simon Grixti id. 452770M u/jew Marflene Cricchiola id. 513386M;

3. Irrendejt ruhek recidiva bl-istess sentenza moghtija lilek mill-Qorti tal-Magistrati Malta Dr Doreen Clarke fit-12 ta' Marzu 2009.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lill-imputata sabiex tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti.

Rat li matul l-ezami tal-imputata fl-udjenza tal-5 ta' Ottubru 2016, ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputata tenniet li ma kienitx hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha.[1]

Rat li din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif inhi diversament ippreseduta nhar il-10 ta' Mejju 2019 b'digriet moghti mis-Sinjurija Tieghu il-Prim' Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi LL.D.[2]

Rat li fl-udjenza tal-21 ta' Ottubru 2019 il-partijiet ivverbalizzaw li ezentaw din il-Qorti kif preseduta milli terga tisma lix-xhieda prodotti.[3]

Wara li rat li l- Avukat Generali nhar il-20 ta' April 2017 ipprezenta formalment l-artikoli tal-gudizzju ta' liema l-imputata ghandha tigi aggudikati minn din il-Qorti u tinstab hatja u cioe[4]:

a. Fl-artikoli 308, 309, 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. Fl-artikoli 293, 294, 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. Fl-artikoli 17, 18, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li rat li fl-udjenza tad-19 ta' Lulju 2017 l-artikolu tal-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali nhar il-20 ta' April 2017 gew moqrija u waqt l-istess udjenza, l-imputata tenniet li m'ghandhiex oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata minn din il-Qorti.[5]

[1] Folio 15 ta' l-atti processwali
[2] Folio 320-322 ta' l-atti processwali
[3] Folio 324 ta' l-atti processwali
[4] Folio 214 ta' l-atti processwali
[5] Folio 228 ta' l-atti processwali

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar id-19 ta' Lulju 2017.[6]

Rat illi d-difiza ghalqet il-provi taghha nhar is-27 ta' Lulju 2022.[7]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lill din il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, kif ukoll ix-xhieda ta' l-imputata li nghatat b'mod volontarju, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet jittrattaw bis-sottomissjonjiet finali fl-udjenza tas-27 ta' Lulju 2022.[8]

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz irrizulta meta gie rapportat lill-pulizija li l-imputata kienet iffrodat in-nies billi hadet certu ammonti ta' flus minghandhom b'ingann.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

[6] Folio 228 ta' l-atti processwali
[7] Folio 771 ta' l-atti processwali
[8] Folio 774-778 ta' l-atti processwali

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xiehda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tal-5 t'Ottubru 2016 xehdet **l-Ispettur Doriette Cuschieri**[9], stazzjonata fl-Economic Crimes Unit, li spjegat li nhar il-11 ta' Jannar 2016 dahal rapport minn Hamza Alawer li jiggestixxi negozju tip supermarket fl-Imsida. Dan irrapporta li habiba tieghu, certu Charmaine Cassar introducietu mal-imputata Joanne Sciberras, li kienet habiba taghha. L-imputata kienet qaltlu li kellha konsenji xorb gejjin minn barra u li kellha bzonn xi finanzjament. Alawer qabel u hallas lill-imputata is-somma ta' €14,800, madankollu, x-xorb baqa' ma wasalx. Wara xi tlett gimghat, Hamza kellem lill-imputata fejn din qaltu li biex tohrog il-konsenja mid-dwana kien hemm bzonn li jaghtiha €9,000 ohra. Minn naha tieghu, Hamza kien ghaddielha €5,355 apparti s-somma originali. Minkejja dan, ix-xorb baqa' qatt ma wasal. Ix-xhud spejegat li dan ir-rapport sar ukoll minn certu Simon Grixti li min-naha tieghu hallas lill-imputata s-somma totali ta' €13,980 ghal konsenja xorb Red Bull li ukoll qatt ma mmaterjalizza. Ix-xhud tkellmek ukoll ma certu Marflen Crichiola li kien ghadda €2,000 lill-imputata ghal konsenja ilma pero` din is-somma giet ritornata lilu flimkien ma €400 qliegh. Kienet talbitu ukoll €3,000 fejn irritornat €3,600 kif miftiehem. Kien minhabba dan li Crichiola iddecieda li jafda lill-imputata u inkarigaha sabiex tassistih biex jimporta konsenja protein shakes u ghal dan il-ghan ghaddielha madwar €29,000 f'diversi pagamenti. Meta l-konsenja ma waslitx talab lill-imputata tirritorna l-flus izda kull ma gew lura kienu €700. Minn naha taghha, ix-xhud kellmet lill-imputata fil-5 t'April 2016 fejn wara li rrifjutat li tikkonsulta ma Avukat, l-imputata kkoncediet li Alawer Hamsa u Simon Grixti kienu tawha l-flus u qalet li kienet qed tahdem maghhom sabiex il-flus jkun tista' tirritornahom billi jinqatghu ratealment mill-paga. Fir-rigward ta' Marflen Crichiola, stqarret li l-affarijiet me kienux kif qed

[9] Folio 16-22 ta' l-atti processwali

jghid hu u li kien kaz ta' uzura wara li hi kienet talbitu xi self. F'Gunju 2016 rega sar rapport minn Alawer Hamsa u Simon Grixti li kienu dovuti €60,000 ohra minghad l-imputata wara li tlett cekkijiet li hija ghaddietilhom gew *bounced* meta marru biex isarrfuhom.

Fl-istess seduta xehed **Hamza Alawer**[10]. Spjega li kien jiggestixxi supermarket u kien sar jaf lill-imputata tramite habiba komuni jisimha Charmaine Cassar, li kellu jaghtiha xi flus. L-imputata kienet qalet li kellha xi kontejners ta' Red Bull maqbudin u kellha bzonn xi flus biex dawn jinhargu. Kien sar ftehim bil-miktub fejn ix-xhud, l-imputata u Charmaine Cassar u li permezz tieghu, ix-xhud ghadda madwar €15,000 lill-imputata bil-ftehim li Charmaine Cassar tithallas mill-qliegh li jirrizulta. Ix-xhud spjega li mill-ghada l-imputata bdiet tqajjem hafna skuzi u dur dur ix-xoghol qatt ma wasal u sahansitra talbitu aktar flus sabiex iggib zewg kontejners Pepsi malajr sabiex mill-profitt fuqhom, issolvi l-problema tal-konsenja tar-Red Bull. Minn naha tieghu, ix-xhud ghaddielha l-flus ghax skont hu, ma kienx hemm ghazla ohra u li kieku ma ghamilx hekk, zgur kien ser jitlef kollox. Ix-xhud iccara li huwa dejjem qaghad fuq il-kelma tal-imputata u ma kienx ra dokumenti relattivi ghall-konsenji tar-Red Bull u tal-Pepsi u kkonceda li f'dan il-kaz kien mexa b'qalbu ghax kien thassar lill-imputata. Tant hu hekk li hu u s-sieheb tieghu Simon Grixti qablu li jibqghu jikkollaboraw mal-imputata sabiex tkun tista tahdem maghhom u thallas id-dejn u fil-fatt ingiebet konsenja ilma b'dan il-mod. Gara madankollu li c-cekkijiet li gabet l-imputata baqghu ma ssarrfux u imbaghad ix-xhud sar jaf li l-ilma ma kienx fil-fatt gie mghoddi lil min kien hareg ic-cekkijiet u sparixxa ukoll. Minn naha tieghu, wara li gara dan, ix-xhud baqa' jzomm konsenja *orange juice* sabiex jevita li jigri l-istess. Ikkwalifika li l-avvenimenti mistqarra saru fis-sena 2015.

[10] Folio 23-34 ta' l-atti processwali

Ix-xhud gie riprodott fis-seduta tal-24 t'Ottubru 2016[11] fejn huwa pprezenta d-dokumenti li rrefera ghalihom fix-xhieda tieghu li kienu jikonsistu fi ftehim privat li sar nhar il-20 ta' Jannar 2015 iffirmat minnu kif ukoll mill-imputata.[12] Gie prodott ukoll estratt minn djarju bid-data ta' l-10 ta' Mejju 2015 li fih hemm indikat is-somma li l-imputata irceviet minn ghand ix-xhud. Fuq l-istess pagna jidher ukoll isem u l-firma ta' l-imputata.[13]

Ix-xhud gie riprodott fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2021[14]. Spjega li ghalkemm Charmaine Cassar ma kienitx impjegata fin-negozju tieghu, hija gieli kienet tghinu bi hlas f'dak li jikkoncerna korrispondenza mas-*suppliers* u affarijiet simili minhabba li hu ma tant huwa proficjenti fil-kitba u l-qari. Rigward Jed Isaac Cassar, it-tifel ta' Charmaine Cassar, filwaqt li kkonferma li kien jahdem mieghu, ma kienx cert jghid jekk kienx registrat bhala impjegat u dan ghaliex huwa ma jiehux hsieb il-*paperwork*. Rigward il-kumpannija Acropolis Limited, spjega li din kienet intenzjonata li tintuza fin-negozju tal-proprjeta` izda qatt ma kienet ghadha intuzat.

Fl-istess seduta xehed **Simon Grixti[15]**, li kkonferma li kien jaf lill-imputata minhabba li kellha tipprovdi xi xoghol. L-ewwel konsenja kellha tkun Red Bull, fejn kien sar kuntratt u thalhlset is-somma ta' €10,000 bhala depozitu. L-imputata kienet dejjem tghid li l-kontejner gej u dan qatt ma jasal. Sahansitra kemm il-darba saru l-permessi mill-Kunsill Lokali ghal xejn. Spjega li l-burdnar kien certu Brady mill-Euro Freights. Ix-xhud spjega li wara li kienu saru r-rapporti mal-Pulizija, hu u Hamsa Alawar kienu ddecidew li jaghtu lill-imputata cans iehor biex thallas lura d-dejn billi jikkollaboraw fuq xoghol iehor. Fil-fatt, kienu gew ordnati disa kontejners ilma. In kwantu ta' cifri, skont ix-

[11] Folio 59-63 ta' l-atti processwali
[12] Folio 64-65 ta' l-atti processwali
[13] Folio 66 ta' l-atti processwali
[14] Folio 644-647 ta' l-atti processwali
[15] Folio 35-41 ta' l-atti processwali

xhud, fuq l-ewwel negozju, qieghdin cirka €26,000 minn taht u imbaghad kien hemm tlett cekkijiet li ma ghaddewx li l-valur komplessiv taghhom huwa ta' €60,000. Ic-cekkijiet kienu mahruga minn certu Silvio Sciberras u jidher li kienu twaqqfu.

Ix-xhud gie riprodott fis-seduta ta' l-24 t'Ottubru 2016[16] fejn ipprezenta kopja tal-kuntratt dwar il-konsenja Red Bull[17]. Spjega li ghalkemm fil-kuntratt jidher li l-imputata qed tidher ghal kumpanija jisimha ABJ Limited, irrizulta li din il-kumpanija fil-fatt ma tezistix. Dan il-ftehim sar nhar l-1 ta' April 2015 u gie iffirmat kemm mill-imputata kif ukoll ix-xhud Simon Grixti.

Giet ipprezentat ukoll kopji tac-cekkijiet appena msemmija kif ukoll il-fatturi relattivi ghall-konsenja ilma li suppost inbiegh lil S. Sciberras Cash & Carry.[18] Il-proprjetarju huwa certu Silvio Sciberras li jigi hu l-imputata.

In kontro-ezami, ikkonferma li qed jitlob minghand l-imputata il-hlas relattiv ghall-konsenja tal-ilma ghax jidher li hi baqghet sejra bil-flus. Spjega li l-burdnar kien qallu effettivament fejn kien ghamel il-konsenja tal-ilma u li l-imputata kienet effettivament gabret il-flus. Il-burdnar kien ukoll thallas €6,000 minn dawn il-flus minhabba li kellu jiehu minghand l-imputata ukoll.

Ix-xhud rega' ha l-pedana fis-seduta tal-5 ta' Frar 2021 fejn esebixxa zewg sentenzi tal-Qorti Civili, Prim' Awla.[19]

Ix-xhud rega' ha l-pedana fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2021[20] fejn spjega lil Charmaine Cassar jafha minhabba li kienet tkun mal-imputata u lit-tifel taghha Jed Isaac Cassar jafu minhabba li kien jahdem ma Hamza Alawer. Lil Hamza Alawer jafu ghax kien shab f'negozju mieghu u ma huh. Dwar il-kwistjoni tal-

---

[16] Folio 43-49 ta' l-atti processwali
[17] Folio 50 ta' l-atti processwali
[18] Folio 51-58 ta' l-atti processwali
[19] Dok SG1 u SG2, Folio 584-619 ta' l-atti processwali
[20] Folio 624-631 ta' l-atti processwali

ilma sahaq li huwa kien hareg il-flus sabiex thallas is-supplier u imbaghad wara inghata cekkijiet mahrugin kontra hu l-imputata li gew *bounced*. Sar jaf ukoll li l-konsenja tal-ilma kienet imbieghet u hu ma gabarx flusu lura. Skont ix-xhud, minhabba f'dan l-incident, huwa kellu jaghlaq il-kumpanija.

Fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2016 xehed **Brady Abela**[21], in rapprezentanza tal-kumpanja E&R Abela. Ikkonferma li kien jaf lill-imputata ghax gieli kien hadmilha xi xoghol ta' *freight*. Spjega li kien assista lill-imputata sabiex gabet zewg kontejners ilma minn Sqallija. Wara li l-kontejners waslu u nhattu, l-imputata baqghet ma hallsitx tax-xoghol. Gara li wara ftit, rega' kellha bzonn xoghol ghal sitt kontejners ilma. Minn naha tieghu, ix-xhud qalilha li qabel ma jithallas tal-ewwel bicca xoghol, ma kienx ser jirrilaxxja dan ix-xoghol. Ix-xhud kompla jispjega li tax-xoghol fuq dawn is-sitt kontejners kien thallas minn Simon Grixti permezz ta' trasferiment bankarju u l-imputata kienet qaltlu li l-ilma kien taghha ghax kienet hallset lil Simon Grixti tieghu. Imbaghad kien hareg ix-xoghol u beda jqassmu ghand Lorry Cash & Carry u Profuma Trading fiz-Zejtun u xi hadd fiz-Zurrieq jghidulu l-Beqqi. Ix-xhud ikkonferma li hu kien thallas tal-ewwel bicca xoghol mill-flus li l-imputata gabret it-tieni konsenja. Ikkonferma ukoll li kien imur il-mahzen taghhom Silvio Sciberras, hu l-imputata, u jghabbi xi *pallets* ilma fil-vann tieghu. Minn naha tieghu ix-xhud ma kienx tkellem ma Simon Grixti ladarba l-imputata kienet qaltlu li hija kienet xtrat il-konsenja minghadu biss li qaghad fuq il-kelma taghha u ma kienx ra xi dokumenti f'dan is-sens.

Ix-xhud rega' ha l-pedana fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2017 fejn huwa pprezenta d-dokumenti kollha msemmija fix-xhieda tieghu[22]. Illi dawn id-dokumenti

[21] Folio 78-90 ta' l-atti processwali
[22] Folio 113-118 ta' l-atti processwali

kienu *invoices* tal-kumpannija Euroshipping Malta, korispondenza, ircevuta u prova tat-transazzjoni mal-Bank of Valletta.[23]

Zied jghid li l-imputata kienet qaltlu li minhabba li kienet xtrat ix-xoghol hi, Simon Grixti ma kienx ser ihallas tal-hatt tax-xoghol u ta' dan fil-fatt kienet hallset l-imputata b'kontanti kull darba li ssir konsenja ghand il-klijenti taghha.

Ix-xhud rega' ha l-pedana fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2018.[24] Spjega li l-kumpanija Zabit Limited taghmel xoghol ta' esportazzjoni ta' ilma lejn Malta u huwa jahdem hafna mix-xoghol taghha. Ftakar li ghal Simon Grixti kien hadem zewg konsenji minn dan l-ilma ta' tlett kontejners 'il wahda. Spjega l-fatt li kellu karti li jkopru konsenja wahda biss billi spjega li l-konsenja l-ohra kienet ordnata l-imputata u ma kienitx hallset lil Zabit taghha. Imbaghad, certu Refik, li huwa d-direttur ta' Zabit kien ta struzzjonijiet lix-xhud sabiex ibiegh l-ilma huwa stess sabiex jingabar prezzu u jigi ffrankata id-*demurrage fee*. Ghalkemm kienu ngabru xi flus minghand Simon Grixti in kwantu ta' VAT, ix-xhud spejega illi meta beda jbiegh l-ilma huwa stess, dawn il-flus kienu gew mghoddija lura lil Simon Grixti. Bhala prassi generali, meta jahdem ghal Zabit, hekk kif ilesti xoghlu, ix-xhud dejjem jghaddi l-karti lil certu Manuel li huwa l-*accountant* tal-imsemmija kumpanija.

Fl-istess seduta xehed **Jed Isaac Cassar**[25]. Qal li jaf lill-imputata tramite ommu Charmaine Cassar. Spjega li kienu dahlu f'negozju maghha taht il-kappa ta' kumpanija jisimha ABJ Limited, fejn huwa kien azzjonist fiha u direttur. Ikkwalifika li huwa la qatt ghamel xejn f'dan in-negozju u wisq anqas ra xi flus. Kull ma ghamel iffirma biex kollox idur fuqu. Fil-verita` ommu u l-imputata kienu jafu x'kien ikun ghaddej. Ikkonferma madankollu li kellha tingieb Malta

[23] Dok BA1, Folio 119-144 ta' l-atti processwali
[24] 264-268 ta' l-atti processwali
[25] Folio 91-109 ta' l-atti processwali

konsenja Red Bull li effettivament qatt ma waslet. Kompla jispjega li huwa kien hareg madwar ghaxar cekkijiet tieghu personali fejn huwa kien biss jiffirmahom u imbaghad timlihom l-imputata. Skont hu, f'dan ir-rigward, hargu *"ammonti kbar"* li izda gew kwalifikati li huma cirka €3,000. Kien hemm ukoll cekkijiet li ma ghaddewx. Rigward il-konsenja tar-Red Bull, ix-xhud jiftakar li kienet saret skrittura quddiem avukat u li Hamsa Alawer kien hareg €14,800 fuq din l-iskrittura. Lil Hamsa Alawer kien jafu ghax kien ghamel zmien jahdem mieghu u l-persuna *hands on* fuq in-negozju kellha tkun l-imputata ghax hu minn naha tieghu, ma kienx jifhem fuq ix-xoghol. Spjega li Hamsa Alawer kien dahal fl-istorja minhabba li kellu jaghtih is-somma ta' €28,000.

Ix-xhud rega' ha l-pedana fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2017[26] fejn huwa pprezenta kopji ta' sensiela ta' cekkijiet mahruga kontra l-kont tieghu mal-bank HSBC Bank Malta plc[27]. Ikkonferma li filwaqt li c-cekkijiet igibu l-firma tieghu, il-kumplament tal-kitba fuq ic-cekkijiet mhux tieghu u ma kien jaf xejn dwar il-hlasijiet li saru bihom. Ix-xhud rega' xehed fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2022 fejn ikkonferma li kien jahdem bhala stock controller ma Alawer u li fil-passat kien deher fuq kuntratti ta' proprjeta` f'San Pawl il-Bahar mal-istess Alawer.

Ix-xhud rega' ha l-pedana fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2022[28] fejn ikkonferma li x-xoghol tieghu kien ta' stock controller, li kien deher fuq kuntratt ta' xiri fuq propjeta San Pawl il-Bahar u li kien hareg il-flus hu ghalkemm ma jiftakarx l-ammont ezatt.

[26] Folio 145-151 ta' l-atti processwali
[27] Dok JAC1 u JAC2, Folio 152-181 ta' l-atti processwali
[28] Folio 759-760 ta' l-atti processwali

Fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2017 xehdet **Marvic Vella**[29] in rapprezentanza ta' HSBC Bank Malta plc, li wara li giet debitament ezentata mis-sigriet bankarju ipprezentat sensiela ta' cekkijiet mahruga kontra l-kont ta' Jed Isaac Cassar.[30]

Fl-istess seduta xehdet **Charmaine Cassar**[31]. Stqarret li kienet saret taf lill-imputata b'kumbinazzjoni u din kienet qaltilha li kienet ser iggib xi kontejners xorb Red Bull. F'dak iz-zmien, ix-xhud kienet tahdem ma Hamsa Alawer fil-hanut li kellu u ghalhekk kienet intiza fix-xena tax-xiri tax-xorb u l-ikel. Kienet ftehmet mal-imputata li ssib xerrejja ghall-konsenja tar-Red Bull li kienet ser timporta. Darba minnhom cemplitilha l-imputata tibki u tghid li kellha problema ta' flus sabiex thallas lura xi *deposits* lill-persuni Libjani. Sabiex tghinha, ix-xhud qabbdet lill-imputata mal-imghallem taghha Hamsa Alawer u kien hemm qbil li jivversa l-flus lill-imputata. Gara li x-xhud kellha tiehu xi flus minghand Alawer u allura kien sar ftehim bejn tlett partijiet quddiem avukat fejn Alawer kellu johrog il-flus izda x-xhud u t-tifel taghha kellhom jaqsmu fil-profitt li jsir mill-kontejners tar-Red Bull. Spjegat ukoll li ftit wara li saret l-iskrittura, l-imputata kienet marret tibki ghandha d-dar u tghid li ghandha bzonn tohrog xi cekkijiet izda l-bank lilha ma jhallihiex. Qalet ukoll li kienet tqila. Ghal dan il-ghan, kienu nhargu ghadd ta' cekkijiet kontra l-kont tat-tifel tax-xhud Jed Isaac Cassar izda gara li l-flus qatt ma waslu u t-tifel ma thallasx lura tac-cekkijiet li kien hareg. Minn naha taghha, ix-xhud fliet il-kopji tac-cekkijiet ezebiti in atti u kkonfermat li kien hemm minnhom li mliethom hi izda dejjem fuq struzzjonijiet tal-imputata. Mic-cekkijiet ezebiti, huwa biss dak tal-ARMS li ma kellhiex x'taqsam fih l-imputata. Kien hemm episodju ukoll meta l-imputata bdiet tghid li kien ser jirrapurtaha Simon Grixti. Hawn kienet lejn l-ahhar tat-tqala u bdiet tghid *"ma rridx immur il-habs"*. Minn naha taghha, ix-xhud iccarat li sa minn dak iz-zmien, l-imputata kienet hallsitha €5,800 lura

[29] Folio 182-184 ta' l-atti processwali
[30] Dok MV1, Folio 185 ta' l-atti processwali
[31] Folio 186-197 ta' l-atti processwali

mill-flus konnessi mal-konsenja tar-Red Bull li qatt ma mmaterjalizzat. Gara ukoll li qabel ma dahlet l-Isptar biex twelled, l-imputata hatret lix-xhud bhala prokuratrici specjali taghha sabiex thallas lil xi nies madankollu, qatt ma sar xejn a forza ta' din il-prokura. Illi kopja ta' din il-prokura specjali giet esebita u tindika li saret nhar id-19 ta' Ottubru 2015 bejn ix-xhud u l-imputata.[32]

Ix-xhud regghet hadet il-pedana tax-xhieda nhar il-10 ta' Jannar 2018.[33] Fix-xhieda taghha, ikkonfermat li Hamza El Awar gieli sellef xi flus u tahom lill-imputata. Spjegat li kienet dahlet f'negozju maghha sabiex ibieghu l-prodotti tar-Red Bull u kien hemm hafna interess ghaliex kienet qed toffrihom bi prezz tajjeb. Ix-xhud tenniet li f'xi zmien l-imputat kienet giet titlobha l-flus sabiex taghmel tajjeb ghal-hlas pendent ma nies ohra li kienet dahhlet negozju maghhom. B'konsengwenza ta' dan is-self kienu ghamlu skrittura privata ghand avukat jirregistraw dan is-self. Wara dan l-episodju x-xhud ikkonfermat li kien hemm aktar self lill-imputata tramite binha Jed Isaac Cassar.

Fis-seduta tal-15 ta' Frar 2017 xehed **Silvio Sciberras**[34], hu l-imputata. Ikkonferma li kien sar ftehim ma ohtu sabiex jimpurtaw konsenja ta' ilma sabiex ibieghu mill-hanut tieghu. B'referenza ghar-rapport li ghamel mal-Pulizija kontra ohtu fit-12 ta' Lulju 2016, spjega li kien hemm episodju fejn sab tlett cekkijiet neqsin mic-*cheque book* li jzomm id-dar u huwa kien pront jaghti struzzjonijiet lill-bank sabiex dawn ic-cekkijiet jitwaqqfu. L-imputata kienet talbitu cekkijiet ghall-burdnar u sabiex jithallas il-VAT u huwa taha dawn ic-cekkijiet. Wara xi ftit taz-zmien, kien kellem lill-Brady Abela, il-burdnar, u filwaqt li kkonfermalu li l-konsenja kienet waslet, hadd ma kien ghadu hallas xejn ghaliha. Iccekkja fuq l-*internet banking* u skopra li l-imputata kienet ghamlet ic-cekkijiet fuqha. Kellem ukoll lill-Hamsa Alawer, li huwa kien jaf bl-

[32] Folio 198-202 ta' l-atti processwali
[33] Folio 259-263 ta' l-atti processwali
[34] Folio 206-209 minn wara u quddiem ta' l-atti processwali

isem "Mario" u dan kien pront qallu *"int ma hadtx sittin elf ilma minghandi?"*. In segwitu ta' dan kien mar jiltaqa' ma Alawer fejn sab li kien hemm il-fatturi ghall-ilma mahruga f'ismu u bin-numru tal-VAT tieghu fuqhom. Ix-xhud sahaq li mill-konsenja li huwa kien ftiehem dwarha mal-imputata ma wasal xejn u kien ghalhekk li waqqaf ic-cekkijiet. Kull ma kien gabar minghand il-burdnar kienu tlett *pallets* ilma li kien hallas taghhom. Sostna li lil Hamsa Alawer u lil Simon Grixti ma kienx jafhom u dahal fl-istorja minhabba li l-imputata kienet qaltlu biex icemplilhom biex issir *bank draft*. Spjega li minn dak iz-zmien kien sarlu mandat ta' sekwestru minn SG Marketing Limited u minhabba f'hekk kellu jwelli l-hanut.

Fis-seduta tad-29 ta' Marzu 2017, xehed **Marflene Cricchiola**[35]. Kien tramite habib komuni li huwa sar jaf lill-imputata. Dan kien qallu li ghandha bzonn xi flus biex iggib xoghol minn barra u li hi ma setghtx tigbed flus mill-bank minhabba li kienet ghaddejja minn separazzjoni personali. Il-ftehim kien li mill-qliegh illi hija taghmel mill-bejgh tal-prodotti tghaddilu percentagg mill-qliegh. Ghall-bidu ix-xhud kien ghadda lill-imputata madwar €2,500 u dan l-ammont kien gie ritornat lura flimkien ma qliegh ta' cirka €400 u kien hemm xi drabi ohrajn fejn dak li ghadda lill-imputata wasal lura flimkien mal-qliegh. Il-hlas lura dejjem kien isir f'kontanti. Wara xi zmien kien ikkuntattjaha x-xhud ghax xtaq jiftah hanut li jbiegh prodotti relatati mal-*body building* u wara ftit taz-zmien, l-imputata kienet gabitlu xi kampjuni minn barra. Wara li ghogbu x-xoghol, ix-xhud ghadda lill-imputata s-somma ta' cirka €11,500 sabiex iggiblu konsenja prodotti. Kien hallas ukoll €11,500 ohra biex jingarr ix-xoghol u pagament finali ta' €8,500 biex ix-xoghol jinhareg mid-dwana. Il-flus kollha gew mghoddija f'kontanti. Hekk kif ghaddielha l-ahhar pagament ghax-xoghol kien suppost wasal id-dwana, izda baqa' qatt ma mmaterjalizza. Ix-xhud beda jissusspetta hazin u wara Ii kellem lill-imputata, accettat li tirrifondih il-flejjes

[35] Folio 213-220 ta' l-atti processwali

li kien hallas – cirka €29,000. Eventwalment taghtu cekk ta' €6,000 minn kont ta' certu John Mary Agius li izda gie *bounced* meta mar biex isarrfu[36]. Wara dan, kienet saret skrittura quddiem Nutar izda kull ma imatterjalizza kien pagament ta' mhux aktar minn €400.[37]

Fis-seduta tas-16 t'Ottubru 2017 xehdet l-**imputata Joanne Sciberras[38]**. Hija stqarret li fis-sajf tas-sena 2015 kellha problemi relatati ma dejn bl-uzura u certu George Vella minn Rahal Gdid maghruf bhala "l-Bosin" kien laqqaghha ma Marflene Cricchiola. Hija kienet talbet lill-Cricchiola sabiex jislifha €2,800 u fi zmien hmistax, dan talabha li thallus lura €5,000 u hija hallsitu. Minhabba li kien ghad ghandha l-problemi, regghet issellfet €2,000 li taghhom Cricchiola talab €5,000 u minhabba li ma setghatx thallashom f'daqqa, bdiet sensiela twila ta' theddid, segwiment fejn sahansitra gie anke` involut missierha. Cricchiola ghamel ukoll post fuq is-sit socjali Facebook jitlob informazzjoni fuq l-imputata. L-imputata stqarret li minkejja li ghamlet bosta rapporti mal-Pulizija, ftit li xejn ittiehdet azzjoni fuq it-theddid. Cahdet kategorikament l-istorja ta' Cricchiola li huwa kien dahal f'negozju maghha sabiex jimporta prodotti minn barra. Dwar il-kwistjoni ma Hamza Alawer, Simon Grixti u Charmaine Cassar, l-imputata ccarat li hija ma kellha x'taqsam xejn mal-fatt li Charmaine Cassar kellha tiehu l-flus minghand Hamza Alawer, biss taf li din kellha ghadd ta' mandati ta' sekwestru kontriha u allura ma setghat taghmel xejn jidher fuqha. Sahqet li minn naha taghha, kull ma ghamlet kien li sabet il-kuntatti sabiex jigi mpurtat l-ilma, li kienu mill-Italja u mit-Turkija. Mill-bqija, kien Simon Grixti li ordna x-xoghol, hallas ghalih u hallas lill-Brady Abela il-burdnar. Spjegat li Hamza Alawer m'ghandu x'jaqsam xejn ma Simon Grixti tant li ghandu kumpanija separata li jisimha Dawood Limited. Hekk kif wasal l-ilma Malta kien beda jiffittaha certu Chris Drago, li jqassam ix-xorb, sabiex tbieghlu minnu

[36] Folio 222 ta' l-atti processwali
[37] Folio 223 ta' l-atti processwali
[38] Folio 234-250 ta' l-atti processwali

izda Simon Grixti kien qalilha biex lil Drago ma tbeghlux minhabba li kellu jaghtih xi flus. Hekk kif harget it-tieni konsenja ilma, li giet mit-Turkija, dan ix-xoghol beda jitqassam ghand hwienet fiz-Zurrieq u fiz-Zejtun u l-ftit pallets li kien baqa', tnejn jew tlieta, kien gabarhom huha bil-vann tieghu Toyota Dyna minn garaxx f'Hal Qormi sabiex ibieghhom mill-hanut. Skont l-imputata, jidher li 'nqala ntopp meta wasal l-ahhar kontejner ghaliex Brady Abela u missieru kienu taw ix-xoghol lil Drago bl-intiza li imbaghad jirranga mal-imputata hu. L-imputata inkwetat minhabba li Simon Grixti kien qalilha sabiex ma tghaddix xoghol lil Drago. Meta waslu l-ahhar tlett kontejners mit-Turkija, jidher li l-VAT kien ghadu ma thallasx u ghalhekk ix-xoghol ma kienx seta' jigi rilaxxjat u dan minhabba li kien gej minn barra l-Unjoni Ewropea. Wara li Brady Abela u Simon Grixti tkellmu bit-telefon, Grixti ghamel trasferiment bankarju sabiex thallas il-VAT fuq il-konsenja. L-ghada, l-imputata kienet ghaddejja minn hdejn il-mahzen ta' Brady Abela f'Hal Qormi u rat xi nies ihottu kontejners mimlija bi fliexken tal-ilma zghar. Ghall-ewwel kellha suspett li xi hadd kien gab ilma simili ghal dak li ordnaw huma izda imbaghad intebhet li Brady Abela kien qed iqassam mill-konsenja tal-ilma li kien hallas ghaliha Simon Grixti. Skont l-imputata, l-ilma in kwistjoni jismu "Assu" u kien car li kien mill-konsenja li ordnat SG Marketing Limited minhabba li fuq it-tikketta tal-fliexken kien hemm miktub li l-importatur kien "SG Marketing". Minn naha taghha, l-imputata stqarret li kienet urtata hafna li Brady Abela qassam ix-xoghol lil Chris Drago minhabba li skont hi, Drago kien "xeba' jidhak biha".

In kontro-ezami, ribattiet li Marflen Cricchiola mhux qed jghid is-sewwa u li l-kampjuni ta' prodotti li huwa pprezenta kien gabarhom minn mal-art tal-karozza taghha f'okkazjoni li hija kienet wasslitu bil-karozza taghha. Hija kienet issellfet il-flus minghand Cricchiola sabiex thallas persuni ohrajn li kienet issellfet minghandhom, inkluz George Vella u dak li hallset lil Cricchiola kellha tissellfu minghand persuni ohrajn, inkluz John Mary Agius li kien hareg

cekk. Fuq mistoqsija tal-prosekuzzjoni, ikkoncediet li ghalkemm kienet mhedda hafna minn Marflen Cricchiola, dan qatt ma kien wasal jerfa' jdejh fuqha. Ikkonfermat li wara li saret l-iskrittura, kienet ghamlet xi pagamenti ohrajn lil Cricchiola izda m'ghandhiex ircevuta ta' kollox ghax kienet tkun imwerwra kull meta tiltaqa' mieghu. Fir-rigward tal-affari ta' Hamza Alawer u Simon Grixti, ikkoncediet li fil-fatt kienet giet mghoddija €13,980 u sostniet li Jed Isaac Cassar u ommu kienu perfettament konxji ta' x'kien qed jigri u jigi miftiehem u kienu jattendu ukoll ghand l-awditura li kienet tispjegalhom kollox fid-dettall. Kompliet tghid li mill-flus migbura Charmaine Cassar kienet hadet €10,000 li permezz taghhom xtrat karozza in kontanti u hi kull ma kien messha kien bejn €500 u €800. Qablet li ghalkemm il-flus kienu ngabru sabiex tigi ordnata konsenja, dan qatt ma sar u l-flus intuzaw ghal affarijiet ohra.

Fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2018, xehed **Christopher Drago**[39]**.** Spjega li fil-passat kien jahdem dhala distributur tal-luminata. Innega li qatt kien gabar xi xoghol ta' ilma minghad burdnar jismu Brady madankollu kkonferma li kien ghen li kien sab persuni lesti jixtru l-ilma minghand l-imputata, li kienu certu Enrico identifikat bhala "tal-Construct Furniture" u Sael Cassar li kellu l-hanut fiz-Zurrieq. Ta' dan ix-xoghol, ix-xhud thallas billi inghata zewg *pallets* ilma li gew mghoddija lilu mill-burdnar. Ikkonferma li l-ilma in kwistjoni kien ilma Tork bl-isem "Assu". Ix-xhud innega li kien qatt ghamel xi negozju ma Simon Grixti izda stqarr li dan kien habib tieghu u fiz-zmien kien l-*accountant* tal-kumpanija li kellu.

Fis-seduta tat-29 t'Ottubru 2018 xehed **Mario Cassar**[40] Port Health Services Environmental Health Director, li gie mitlub jaghmel ricerka dwar konsenja ilma li giet mit-Turkija li giet verifikata fit-23 ta' Marzu 2016 importata minn Zabit Limited. Ikkonferma li ghalkemm l-importatur huwa fil-fatt irregisrat

[39] Folio 254-258 ta' l-atti processwali
[40] Folio 278-281 ta' l-atti processwali

mal-*Food Safety Commission*, din il-konsenja partikolari kienet twaqqfet minhabba li d-ditta tal-ilma "Assu" ma kienitx iddikjarata fil-lista ufficjali tal-Kummissjoni Ewropea ta' ditti ta' ilma minerali. Imbaghad biex tissolva l-problema, it-tikketta tal-prodotti giet mibdula ghal "spring water". Dan il-process gie ffinalizzat fil-15 t'April 2016. L-istess xhud ipprezenta sensiela ta' dokumenti in sostenn ta' dak li xehed.[41]

Fis-seduta tal-21 t'Ottubru 2019 xehed **Patrick Attard**[42] in rapprezentanza tad-Dwana ta' Malta. Ix-xhud gie moghti n-numri ta' referenza tal-kontejners relattivi mill-ufficjal prosekutur sabiex tkun tista' ssir id-debita ricerka fl-arkivji tad-Dwana. Ix-xhud esebixxa *passes* tal-containers kif ukoll il-movimenti taghhom.[43] Sussegwentement kien rega gie prodott fl-udjenza tat-30 ta' Jannar 2020[44] fejn esebixxa sitt passes[45] ta' sitt kontejners li kienu jinsabu fuq l-invoice. Dawn il-passes huma l-originali li jinghataw mill-burdnar lill-assistent.

Fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2020 xehed **Mario Camilleri**[46] in rapprezentanza tal-Port Health Inspector li kkonferma li huwa kien ghamel l-ispezzjoni fuq il-kontejners relattivi. B'referenza ghad-dokument ezebit a Fol. 127, ix-xhud spjega li tali dokument jikkoncerna konsenja ohra li hija diversa minn dik mistoqsi dwarha u ma ghandux informazzjoni jew *records* dwarha. Fil-kaz tal-konsenja l-ohra, din kienet twaqqfet minhabba li d-ditta tal-ilma "Assu" ma kienitx iddikjarata fil-lista ufficjali tal-Kummissjoni Ewropea ta' ditti ta' *"mineral water"*. Imbaghad biex tissolva l-problema, it-tikketta tal-prodotti giet mibdula ghal *"spring water"*. Ix-xhud spjega li ghalkemm kull konsenja ta' ikel u xorb suppost tghaddi mill-Port Health, gieli jkun hemm kazijiet fejn kontejner "jaqbez" ladarba jkun gie mghoddi mid-dwana u allura johrog minghajr ma

[41] Dok MCXYZ1 – 4 , Folio 282-312 ta' l-atti processwali
[42] Folio 326-329 ta' l-atti processwali
[43] Dok PA1 – 4, Folio 330-334 ta' l-atti processwali
[44] Folio 353-357 ta' l-atti processwali
[45] Dok PA5, Folio 358-363 ta' l-atti processwali
[46] Folio 340-351 ta' l-atti processwali

jkun gie spezzjonat mill-Port Health. Fuq dan il-kaz partikolari ma kellux informazzjoni ulterjuri.

Fl-istess seduta xehed **Emanuel Busuttil**[47], l-*accountant* ta' Simon Grixti, li pprezenta dokumentazzjoni relattiva ghall-konsenja tat-18 ta' Marzu 2016. Spjega li ma kellux dokumentazzjoni f'idejh li tkopri l-konsenja tal-25 t'April 2016. Imbaghad kien hemm konsenja fis-16 ta' Gunju 2016 li taghha x-xhud ipprezenta dokumentazzjoni[48]. Ix-xhud iccara li din id-dokumentazzjoni tkun qieghda ghandu minhabba li jiehu hsieb jipprepara il-*VAT returns*.

Fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2020 xehed **Jason Mallia**[49]**,** ezercenti l-kummerc ta' *Auto Dealer* taht l-isem JM Motors. Ikkonferma li Charmaine Cassar kienet xtrat vettura tal-ghamla Ford Fiesta minghandu fid-19 ta' Jannar 2015 ghall-prezz ta' €9,400. Din il-karozza ghandha n-numru ta' registrazzjoni JED-013. Fl-14 t'April 2015 l-istess Cassar xtrat vettura Renault Megane bin-numru ta' registrazzjoni LCQ-234 ghall-prezz ta' €4,600. Dawn iz-zewg vettura huwa mhallsa kollha u ma nxtrawx bin-nifs.

Fl-istess seduta xehed **Stephen Cachia**[50] in rapprezentanza tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta, li kkonferma li l-vettura AAI-341 tal-marka Perodua Kancil hija registrata fuq isem Alfred Cassar u ilha hekk registrata sa mit-13 ta' Frar 1997. Minn ricerka ohra li saret, irrizulta li l-vettura JED-013 tal-ghamla BMW 116 giet trasferita minn fuq Mizzi Motors Limited ghal fuq Charmaine Cassar nhar it-13 ta' Settembru 2017 u l-vettura LCQ-234 tal-ghamla Renault Megane giet trasferita minn fuq JM Motors Auto Dealer ghal fuq Charmaine Cassar nhar

---

[47] Folio 365-375 ta' l-atti processwali
[48] Dok EB1 u EB2, Folio 376-401 ta' l-atti processwali
[49] Folio 487-491 ta' l-atti processwali
[50] Folio 469-475 ta' l-atti processwali

l-14 t'April tas-sena 2015.[51] Ix-xhud rega' ha l-pedana fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2020 fejn huwa pprezenta il-*history* kollha tal-vetturi koncernati.[52]

Fl-istess seduta xehed **Alan Mamo**[53] in rapprezentanza tad-Dwana ta' Malta li kkonferma li l-kontejner riferut lilu fit-tahrika kien gie debitament dikjarat mad-Dwana u kien fil-fatt inhariglu l-*gate pass out* sabiex inhareg mill-Freeport. Ma kellux informazzjoni ulterjuri dwar dan il-kontejner.

Fis-seduti tal-5 ta' Marzu 2020 u d-9 ta' Lulju 2020 xehdet **Dr Claudette Fenech**[54] f'isem il-Malta Business Registry. Ix-xhud ipprezentat il-*memorandum and articles* tal-kumpaniji ABJ Limited u Dawood Company Limited[55]. Ghamlet ricerki ukoll fuq l-involvimenti ta' Hamza El Alawel u Elia Alawel. Rigward dan tal-ahhar ma rrizulta xejn izda fil-kaz ta' Hamza El Alawel, irrizulta li dan huwa nvolut fil-kumpaniji Swieqi Blocks Limited, Dawood Company Limited, Dawood Group Company Limited, Dawood Properties Limited, Solomon Holdings Limited u Acropolis Properties Limited.

Fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2021 xehed **Joseph Saliba**[56] in rapprezentanza tal-Agenzija JobsPlus li pprezenta l-Employment History ta' Charmaine Cassar u Jed Isaac Cassar.[57]

Fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2022 xehed **PS 7225 Denios sive Dennis Agius**[58], stazzjonat fl-Ghassa tal-Hal Qormi li pprezenta 33 rapport li saru f'isem l-imputata Joanne Sciberras.[59]

---

[51] Dok SC1 u SC2, Folio 476-486 ta' l-atti processwali
[52] Dok SCX1 – Dok SCX2, Folio 572-579 ta' l-atti processwali
[53] Folio 406-408 ta' l-atti processwali
[54] Folio 409-413, 566 ta' l-atti processwali
[55] Dok CF1, Folio 414-426 u Dok CF2, Folio 427-468, Dok CF1-CF8, Folio 568 ta' l-atti processwali
[56] Folio 632-633 ta' l-atti processwali
[57] Dok JS1 u JS2, Folio 634-639
[58] Folio 651-652 ta' l-atti processwali
[59] Dok DA1, Folio 653-753 ta' l-atti processwali

Fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2022 xehdet **Johanna Bartolo**[60] in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc li pprezentat kopja ta' cekk mahrug minn A++ Consultancy Limited favur Joanna Sciberras fl-ammont ta' €10,000 fl-1 t'April 2015.[61] Dan ic-cekk kien issarraf fl-4 t'April 2015. Fuq wara tac-cekk hemm tlett firem, certu C. Cassar bin-numru tal-karta tal-identita` 125970M u zewg firem ohrajn u n-numri tal-karti tal-identita` 524659M u 388178M, dan tal-ahhar in-numru tal-karta tal-identita` tal-imputata Joanne Cassar.

Fl-istess seduta xehdet **Lorraine Attard**[62] in rapprezentanza ta' HSBC Bank Malta plc li pprezentat kopja ta' cekk bin-numru 118 mahrug minn kont 0271310-5501 datat 21 ta' Jannar 2015, paggabbli lil Joanne Sciberras fl-ammont ta' €8,700. Fuq wara tac-cekk hemm firma u firma u ID 388178M.[63]

Fl-istess seduta xehed **in-Nutar Dottor Roderick Caruana**.[64] Huwa gharaf lill-imputata u stqarr li kien assistiha fuq xi prokura ghadd ta' snin qabel. Stqarr li huwa ma jzommx kopja tal-prokuri izda b'referenza ghad-dokument ezebit a Fol. 198 *et seq* huwa gharaf l-istess u kkonferma li kien sar quddiemu. Ma eskludiex li kien hemm xi darb'ohra fejn l-imputata dehret fuq skrittura ma Marflene Cricchiola.

Fl-istess seduta xehdet **l-Ispettur Anne Marie Xuereb, stazzjonata l-Economic Crimes**[65]. Stqarret li l-imputata persuna maghrufa mal-Economic Crimes. Dak iz-zmien kien ikun hemm hafna rapporti kontriha li kien qed tiffrodi lil vittmi. Spjegat li kienet investigat kaz fejn madankollu, l-verzjoni tal-allegati vittma ma qablet xejn mal-verzjoni tal-imputata u kien fil-fatt hareg li wiehed mill-allegati vittmi kien wiehed mill-uzuraj taghha, certu Malcolm Vassallo. Ix-xhud

[60] Folio 761-762 ta' l-atti processwali
[61] Dok JB1, folio 763 ta' l-atti processwali
[62] Folio 764-765 ta' l-atti processwali
[63] Dok LA1, Folio 766 ta' l-atti processwali
[64] Folio 767-769 ta' l-atti processwali
[65] Folio 756-758 ta' l-atti processwali

kienet procediet kontrih u fil-fatt kien instab hati mill-Qorti. Stqarret li f'dan l-ahhar zmien, l-imputata qabdet it-triq it-tajba fil-fatt u sal-gurnata tal-lum baqghet f'kuntatt maghha. Ix-xhud spjegat li filwaqt li dak li ghamlet l-imputata fil-passat huwa hazin, hija sabet ruhha f'dik is-sitwazzjoni minhabba li nqabdt f'cirku ta' self bl-uzura fejn kienet tkun kontinwament mhedda.

Fis-seduta tas-27 ta' Lulju 2022 xehdet bil-gurament l-ufficjal tal-probation **Donalise Camilleri**[66] fejn stqarret li kienet segwitha waqt li hi kellha licenzja ta' parole kif ukoll meta kienet segwitha fuq ordni ta' probation. Ix-xhud tenniet li meta qatt segwitha dejjem uriet kooperazzjoni u attendiet regolarment ghall-appuntamenti u testijiet ta' l-awrina li rrizultaw fin-negattiv.

**Ikkunsidrat**

**Stqarrija ta' l-imputata**

Mil-provi prodotti jirrizulta li ittiehdet stqarrija[67] ta' l-imputata nhar il-5 ta' April 2016 u cioe aktar minn sena wara l-allegat reati gewwa it-Taqsima ta' Kontra r-Reati Ekonomici, Kwartieri Generali, Floriana, fl-ufficju ta' l-Ispettur Doriette Cuschieri u fil-prezenza ta' PC1600 Gilbert Gatt u dan wara li kienet inghatat is-soliti twissija ta' xiex gie investigat u wara li nghatalha d-drittijiet kollha tieghu dwar il-jedd li jikonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu qabel issirlu xi interrogazzjoni skond il-ligi in vigore dak iz-zmien.

Illi wara li l-imputata inghatalha l-jedd li qabel ma ssirilu xi investigazzjoni jithalla, kemm jista' jkun malajr, jitkellem privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wicc imb'wicc jew bit-telefon ghal mhux aktar minn siegha zmien, jew fil-prezenza tal-avukat waqt l-interrogazzjoni innifisha, ghazlet li ma tezercitax dan id-dritt u ma ghamlitx kuntatt ma' avukat.[68]

---

[66] Folio 772-773 ta' l-atti processwali
[67] Folio 7-12 ta' l-atti processwali
[68] Folio 7 ta' l-atti processwali

Illi fl-istqarrija l-imputata Joanna Sciberras ghazlet li tiffirma l-istqarrija taghha fuq kull pagna. Illi fl-istqarrija l-imputata ghazlet li twiegeb ghad-domandi li sarulha u spjegat li taf lil Alaawer Hamza u lil Simon Grixti minn fuq ix-xoghol taghha ghaliex kienet tahdem maghhom. Lil Abdulrezak kienet ilha tafu ghal l-ahhar seba' snin.

Dwar dak li gara l-imputata tispjega li dak li kien gara ma Abdulrezak u Kevin Spiteri kien zball genwin minn naha taghha u li kienet lesta trodd il-flus lura.

Ghar-rigward il-kwereli li saru minn ghand Simon Grixti u Hamza Alaweer spjegat li hi flimien ma Jes Isaac Cassar u Charmaine Cassar kienu ser jaghmlu kumpanija bejniethom u bdew il-passi necessarji f'dan ir-rigward. Wara bdew joperawha izda sabu diffikultajiet. L-imputat tikkonferma li kienet irceviet flus minn ghand il-kwerelanti intizi sabiex topera l-kumpannija u li ma kienux oneraw l-obbligi taghhom. Madankollu, l-imputata tenniet ukoll li l-membri l-ohra tal-kumpannija kienu anke naqsu l-obbligi taghhom maghha stess.

Fl-ahhar nett l-imputata itenni li hi hadet il-flus li hadet b'uzura u fil-prezent kienet qeda tghix bi biza kbira.

**Principji legali dwar l-istqarrijiet**

Fuq bazi preliminari tajjeb li din il-Qorti tistabilixxi jekk l- istqarrija li ġiet rilaxxata mill-imputata hiex amissibbli u jistax ssir inferenza f'dawn il-proċeduri u dan fid-dawl ta' ġurisprudenza reċenti mil-Qrati tagħna li bbażaw ruħhom fuq insenjamenti mill-kazistika tal-Qorti Ewropea għall-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem. Meta ġiet rilaxxata l-istqarrija tal-imputata, il-liġi Maltija ma kinitx tipprovdi għad-dritt ta' assistenza legali matul l-interrogazzjoni fejn irid allura jiġi stabbilit jekk l-istqarrija in kwistjoni kienitx konformi mal-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti Ewropea u dik Maltija tal-Artikolu 6 tal-

Konvenzjoni Ewropea għal Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Meta l-imputata rrilaxxat l-istqarrija taghha hija kienet ingħatat id-dritt li tikkonsulta mal-avukat tal-għażla taghha, liema dritt infatti hija ghazlet li ma tuzaxh. Madankollu ma kien ingħata l-ebda dritt tal-preżenza tal-avukat tiegħu matul l-interrogazzjoni, għas-sempliċi raġuni li din il-proċedura daħlet fis-seħħ fil-liġi tagħna permezz tal-Artikolu 355AUA(8) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan biss permezz tal-Att LI tas-sena 2016 li dahlet fis-sehh fit-28 ta' Novembru 2016.[69] Kwindi din il-liġi daħlet fis-seħħ wara li l-imputata ġiet interrogata.

Jidher li minn dħul fis-seħħ ta' din il-liġi tqajjmu diversi lanjanzi kostituzzjonali fejn ġiet attakkata l-validita' tal-istqarrija ta' dak li jkun f'diversi każijiet pendenti ta' natura kriminali, meta alavolja sanċit bid-drittijiet tal-konsulta legali qabel l-interrogazzjoni u tat-twissija skont il-liġi, l-interrogat ma jkunx ingħata d-dritt li jkollu avukat preżenti matul l-interrogazzjoni. Fost dawn is-sentenzi hemm il-kawża kostituzzjonali fl-ismijiet ta' **Christopher Bartolo vs Avukat Generali et**[70] li tirrigwarda l-ksur tad-dritt tas-smiegħ xieraq. Din ġiet ribadita mill-Qorti Kostituzzjonali li kkonfermat ukoll ir-rimedju konsistenti fl-isfilz tal-istqarrijiet li kienu ġew irilaxxati minn Christopher Bartolo matul il-proċeduri fil-konfront tiegħu. Fl-ewwel sentenza ta' din il-kawża, l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) kienet esprimiet is-segwenti:

> *Il-Qorti rat ukoll illi anke l-Qrati ordinarji Maltin diġa bdew jesprimu d-dubbji tagħhom rigward jekk, il-liġi, kif kienet dak iż-żmien, kienetx tiggarantixxi adegwatament d-dritt ta' smiegħ xieraq konsiderat illi ma kienetx tippermetti illi suspettat jkollu assistenza legali waqt l-interrogatorju, u dan kif jidher*

[69] Fit-28 ta' Novembru 2016

[70] Rikors kostituzzjonali 92/16.

*fissentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali deċiża fis-6 ta' Ottubru 2016 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spetur Jesmond J. Borg) vs Jason Cortis fejn intqal illi:*

*"...jista' jkun hemm lok għal-dibattitu dwar kemm il-provvedimenti tal-Kap 9 jirrispekkjaw d-dritt għall-assistenza legali mogħti lill-arrestat tenut kont ukoll illi dan id-dritt, kif eżistenti taġt il-liġi tagħna, huwa ristrett għal siegħa qabel l-interoggatorju u b'hekk jeskludi l-jedd tal-preżenza tal-avukat waqt l-istess interrogatorju. F'dak l-istadju l-arrestat huwa soġġett għal mistoqsijiet diretti u suġġestivi bir-risposti tagħhom, anke jekk jagħżel li ma jweġibx, bit-traskrizzjoni tiegħu tkun eventwalment esebita fil-proċeduri kontrih fejn ikun meqjus innoċenti sakemm pruvat mod ieħor."*

*Huwa ċar għalhekk illi skont il-ġurisprudenza kostanti tal-Qorti ta' Strasbourg, hekk kif żviluppat u evolviet sussegwentement għas-sentenza ta' Salduz, ilgaranzija u protezzjoni ta' smiegħ xieraq tirikjedi illi l-arrestat jingħata l-possibilita li jkollu miegħu avukat tal-fiduċja tiegħu waqt, u mhux biss qabel, l-interogazzjoni. Għalhekk jidher illi l-argument tal-intimati illi dan l-ilment tarrikorrent huwa nfondat ghaliex kienet inghata l-possibilita li jkellem avukat qabel l-ewwel interrogatorju huwa nsostenibbli ghaliex mill-gurisprudenza appena citata, jidher car illi l-arrestat ghandu jinghata l-possibilita li jkollu avukat prezenti waqt l-interogazzjoni. M'huwiex kontestat, illi fiż-żmien in kwistjoni kien hemm restrizzjoni sistematika li kienet timpedixxi lill-arrestat milli jkollu avukat tal-fiduċja tiegħu preżenti waqt l-interrogazzjoni. M'huwiex ikkontestat ukoll illi r-rikorrent ma tħalliex ikollu avukat preżenti waqt l-ewwel interogazzjoni, u illi ma ingħatax aċċess għall-avukat tiegħu qabel jew waqt it-tieni interogazzjoni. Dan il-fatt waħdu, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg, huwa biżżejjed biex tinstab leżjoni tad-dritt ta' smiegħ xieraq.*

In oltre jidher li dan l-insenjament qed jiġi adoperat u applikat fil-Qrati tagħna fil-preżent kull meta jiġu rinfaċċati bl-istess sottomissjonijiet fejn fost dawn is-

sentenzi wiehed isib il-kawża fl-ismijiet **Pulizija vs Claire Farrugia**[71] deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar l-20 ta' Novembru 2018, fejn l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali għamlet referenza ampja għal diversi kawżi minn żmien **Salduz vs Tukrija** fejn ġie ribadit kostantement illi l-prinċipju tas-smiegħ xieraq huwa mibni fost oħrajn fuq id-dritt tal-assitenza legali kemm qabel kif ukoll waqt l-interrogazzjoni u dan apparti rrappreżentanza legali matul il-proċeduri fil-Qorti.

Illi wkoll mill-analiżi tas-sentenzi kkwotati kif ukoll ta' dawk is-sentenzi li ssir referenza għalihom fil-korp tagħhom jidher li minkejja din il-posizzjoni, il-ġudikant imbagħad ikun irid jara jekk xorta waħda hemmx provi biżejjed kontra l-persuna kkonċernata li fuqhom tkun tista' tinstab ħtija irrispettivament mill-ammissjoni li setgħet tkun saret fl-istqarrija. Dan kien fil-fatt il-każ fis-sentenza kontra Claire Farrugia fejn kienu nstabu wkoll provi materjali apparti l-ammissjoni tal-imputata permezz tal-istqarrija ġuramentata u li xorta waħda ġiet meqjusa bħala prova inamissibbli. Ġie meqjus ukoll illi l-Qrati għandhom jieħdu din il-posizzjoni anki meta ma jkunux ġew eżawriti r-rimedji ordnarji f'każijiet li kienu għadhom pendenti bħala salvagwardja għar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja.[72] In oltre dan il-prinċipju ġie ravviżat anki f'ċirkostanzi meta l-persuna arrestata tirrifjuta l-jedd tal-parir legali qabel l-interrogazzjoni għax dan ma jeskludix awtomatikament li hu kien ser jirrifjuta wkoll l-avukat matul l-interrogazzjoni u b'hekk waħda ma tistax titqies li teskludi lill-oħra.

Illi din il-posizzjoni tal-Qrati lokali giet ikkonfermata fil-kaz **Il-Pulizija vs Aldo Pistella**[73] fejn il-Qorti rriteniet:

---

[71] Appell numru 259/2018 ippresedut mill-Imhallef Consuelo Scerri Herrera.

[72] Ara s-sentenza fl-ismijiet Malcolm Said vs Avukat Generali datata 1-24 ta' Ġunju 2016 kif ikkonfermata fil-Qorti Kostituzzjonali

[73] Qorti Kostituzzjonali; Deciza 14 ta' Dicembru 2018

*"il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu."*

Illi din il-posizzjoni tal-Qrati lokali giet ikkonfermata fil-kaz **Graziella Attard vs Avukat Generali**[74] fejn il-Qorti rriteniet:

> *"Madankollu, billi ċ-ċirkostanzi fejn il-persuna interrogata tista' ma titħalliex tkellem avukat huma l-eċċezzjoni aktar milli r-regola, u din ilqorti għandha s-setgħa li tagħti rimedju fejn issib li disposizzjoni li tħares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun x'aktarx sejra tiġi miksura", din il-qorti hija tal-fehma, kif osservat fis-sentenza mogħtija fl-24 ta' Ġunju 2016 fl-ismijiet Malcolm Said v. Avukat Ġenerali , illi ma jkunx għaqli – partikolarment fid-dawl ta' inkonsistenzi fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea li joħloq element ta' imprevedibilità, kif jixhdu l-posizzjonijiet konfliġġenti li ħadet fil-każ ta' Borg u f'dak ta' Beuze – illi l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bilproduzzjoni tal-istqarrija mogħtija mill-attriċi lill-pulizija għaliex tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attriċi, aktar u aktar meta fl-istqarrija ammettiet sehma fir-reat.*
>
> *Għaldaqstant tipprovdi dwar dan l-aggravju tal-avukat Ġenerali billi tgħid illi, għalkemm ma seħħ ebda ksur tal-jedd tal-attriċi għal smigħ xieraq meta*

[74] Deciza 27 ta' Settembru 2019; Qorti Kostituzzjonali

*tteħditilha stqarrija, madankollu dik l-istqarrija ma għandhiex tibqa' fl-inkartament tal-kawża kontriha."*[75]

*"din il-qorti ttenni li ma jkunx ghaqli li jsir uzu mill-istqarrija waqt il-process kriminali.."*[76]

F'dan il-kaz l-akkuzata ma nghatax l-opportunita' li titkellem ma avukat qabdel bdiet l-interrogazzjoni mill-pulizija.

Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello**[77] fejn l-ewwel Qorti irriteniet:

*"din il-gurisprudenza m'għadhiex applikabbli inkondizzjonatament safejn l-akkużat qiegħed jippretendi li l-istqarrija tiegħu mhijiex ammissibbli bħala prova abbażi tal-fatt waħdu li dak iż-żmien ma setax ikun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni u waqt li kien qiegħed jirrilaxxja l-istqarrija. Anzi, għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni diversi fatturi li flimkien jagħmlu ċ-ċirkostanzi tal-każ.*

*Martino Aiello fl-ebda stadju ma kkontesta l-awtenticità talprova li ġabet il-Prosekuzzjoni kontrih, liema prova mhijiex limitata għall-istqarrija in kwistjoni. Lanqas ma oppona għallpreżentata ta' dik l-evidenza. L-assjem tal-provi ser ikun evalwat minn Imħallef u għalhekk, minn persuna b'għarfien għoli tal-proċedura legali u l-liġi Maltija.*[78]

Illi din is-sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali.[79]

Illi l-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza recenti ta' **Roderick Castillo vs Avukat Generali u Kummissarju tal-Pulizija**[80] fejn gie ikkonfermat li meta

[75] Folio 11 u 12 tas-sentenza
[76] Folio 14 tas-sentenza
[77] Qorti Civili, Prim' Awla, Onor. Imhallef Anna Felice, Deciza 17 ta' Ottubru 2019, Ref Kost: 38/2018AF
[78] Folio 25 tas-sentenza
[79] Deciza 27 ta' Marzu 2020, Imhallfin S.T.O Prim Imhallef Joseph Azzopardi, Onor Imhallef Giannino Caruana Demajo, Onor. Imhallef Anthony Ellul, Rikors Numru 38/18
[80] Deciza 20 ta' Lulju 2020, Qorti Kostituzzjonali, S.T.O. Prim Imhallef Mark Chetcuti, Onor Imhallef Giannino Caruana Demajo, Onor. Imhallef Anthony Ellul, Rikors Numru 20/16

issir ezami dwar l-ammissibilita ta' l-istqarrija ghandu ssir ukoll ezami tal-proceduri kollha hekk kif indikat fis-sentenza **Beuze vs. Belgium**.

F'decizjoni ricenti **Morgan Onuorah v l-Avukat tal-Istat**[81] il-Qorti Kostituzzjonali stqarret li:

*"il-qrati domestici ma jistghux jippermettu li f'proceduri kriminali li ghadhom pendent jithallew stqarrijiet li jkunu saru fl-assenza ta' avukat u li l-QEDB ilha tiddeskrivih bhala difett procedurali bil-periklu manifest li dak il-fatt jikkontamina l-process kriminali kollu."*[82]

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Tony Curmi**[83] fejn il-Qorti riteniet:

*Din il-Qorti ghalhekk tqis li nonostante l-fatt li l-istqarrija ta' Wayne Grima ittiehdet fi zmien meta suspettat ma kienx jinghata d-dritt li jkollu Avukat prezenti waqt listqarrija u fejn setghet anke tapplika r-regola ta' inferenza fejn suspettat jaghzel li jikkonsulta ma' Avukat qabel it-tehid tal-istqarrija, jekk ma jkun irid jghid xejn jew jonqos milli jsemmi xi fatt u sussegwentement matul il-process iressaq xi difiza li tkun ibbazata fuq xi fatt li ma jkunx semma matul l-interrogazzjoni, mhux biss Wayne Grima ghazel li jiguramenta l-istqarrija tieghu izda ukoll sal-lum il-gurnata ma jirrizultax jekk Wayne Grima qieghed jikkontesta l-ammissibilita' jew il-kontenut tal-istqarrija rilaxxata minnu. Ghalhekk din il-Qorti tqis li tali stqarrija ghandha tibqa' fl-atti u ghalhekk hija prova ammissibli f'kaz li Wayne Grima jixhed f'dan ilguri u tali stqarrija ma tigix kontestata minnu.*

*Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi ghar-ragunijiet ikkunsidrati f'din is-sentenza, tilqa' limitatament l-eccezzjoni preliminari tal-akkuzat billi filwaqt li tiddikjara l-istqarrija rilaxxata mill-akkuzat Tony Curmi fit-23 ta' Novembru 201459*

[81] Deciza 27 ta' Jannar 2021, Qorti Kostituzzjonali, Imhallfin S.T.O Prim Imhallef Mark Chetcuti, Onor Imhallef Giannino Caruana Demajo, Onor. Imhallef Anthony Ellul, Rikors Numru 38/18
[82] Folio 12 tas-sentenza
[83] Qorti Kriminali; Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera; Att ta' Akkuza 8/2019

*a fol 7 et sequitur tal-atti ta' quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja bhala prova inammissibbli u ghalhekk tordna l-isfilz taghha, tiddikjara ukoll kwalunkwe referenza li saret fl-atti inkluz fil-provi u fix-xhieda ghal dak li l-akkuzat Tony Curmi seta' qal matul l-investigazzjoni u matul it-tehid tal-istqarrija minghajr ma kellu Avukat prezenti bhala ukoll inammissibli.*

Din il-Qorti hadet konjizzjoni tal-fedina penali tal-imputata[84], u tinsab konvinta li l-imputata ma kienitx necessarjament ben konxju jew imdorrija ghall-proceduri u l-prattici tal-pulizija. Madankollu, hija ma tistax tinjora l-insenjamenti lokali u regonali f'dan il-qasam, u a bazi tal-istess insenjamenti ravviżati u li jidhru li qabdu linja paċifika fil-Qrati Maltin, stante li ma jirriżultax li kien hemm raġunijiet validi jew impellenti li setgħu jiġġustifikaw in-nuqqas tal-għoti lill-imputat tal-assistenza legali matul l-interrogazzjoni għajr għall-fatt li dan il-prinċipju ma kienx għadu ravviżat fil-liġi Maltija fiż-żmien meta ġie interrogat, din il-Qorti tqis li għal din ir-raġuni oġġettiva, u sabiex żgur jiġi evitat li l-jeddijiet fundamentali tal-imputat jiġu b'xi mod ritenuti leżi minn din il-Qorti minħabba fl-użu tal-istqarrija tiegħu fil-ġudizzju tagħha, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi li tiskarta l-istess stqarrijia u ma tqishiex bħala prova f'dawn il-proċeduri.

**Ikkunsidrat**

**Kunsiderazzjonijiet legali - Ir-reat tat-truffa u ta' lukru frawdolent innonimata**

Il-Qorti taghmel referenza ghal kaz **Il-Pulizija vs Aaron Mizzi**[85] fejn inghad li

[84] Folio 4-6 minn wara u quddiem ta' l-atti processwali
[85] Qorti ta' l-Appell Kriminali; Imhallef Emeritus Michael Mallia; Appell Numru 225/2014

*"Illi abbazi ta' Artiklu 308 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex jissussisti r-reat ta' frodi jew truffa, jehtieg li jikkonkorru s-segwenti elementi: (i) in-ness bejn is-suggett attiv u s-suggett passiv tar-reat, (ii) l-element materjali konsistenti fl-uzu ta' ingann jew raggiri, (iii) l-elementi formali li jikkonsisti f'dolo jew fl-intenzjoni tat-truffar u (iv) l-element ta' dannu patrimonjali. Min-naha l-ohra, fir-rigward tar-reat ta' frodi nnominata kkontemplat fl-Artikolu 309 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sempliċi gidba hija bizzejjed biex twassal ghall-kummissjoni ta' dan ir-reat u l-messa in scena mhiex necessarja. Madanakollu, il-gidba trid tkun tali li twassal ghat-telf patrimonjali tal-vittma hekk kif rikjest mil-ligi.*

*Illi fl-umli fehma tal-appellanti l-Ewwel Onorabbli Qorti ma ghamlitx interpretazzjoni korretta tal-element ta' dolo hekk kif ikkontemplat fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 308 u 309 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward, l-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza L-Pulizija vs. Charles Zarb deciza fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar tas-sena elf disgha mija tlieta u disghin (1993) huwa car: Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta' l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija biżżejjed biex teskludi d-dolo. (enfasi tal-esponent)."*

Il-Qorti taghmel referenza ghal kaz **The Police vs Konstantin Alexander Anastasiou**[86] fejn intqal:

*For the Crime as configured under the charges of the case the following elements must subsist;*

*1. The agent must have used the means these being those mentioned in Article 308 (by means of any unlawful practice, or by the use of any fictitious name, or the assumption of any false designation, or by means of any other deceit, device, or pretence).*

[86] Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri); Imhallef Consuelo Scerri Herrera; Deciza 29 ta' Settembru 2020; App Nru: 135/2018

*2. The agent's action must have led the victim to part with an object, the dispossession is with the victims consent.*

*3. There must be the intention of defrauding another with the intention of making an unjust gain.*

*4. Finally an actual unjust gain must have actually been made.*

Il-Qorti taghmel referenza ghal kaz **Il-Pulizija vs George Manicolo**[87] fejn gie ikkonfermat:

*"Sabiex jissussisti r-reat ta' truffa mhijiex bizzejjed is-semplici gidba, il-kliem menzjonier, izda hu necessarju u essenzjali li jkun hemm ukoll l-apparat estern li jaghti fidi u kredibilita' lil dik il-bidba. Dan l-att estern jista' jiehu diversi forom, kultant anke att teatrali. Irid ikun att, jew atti, li jimpressjonaw bniedem ta' intelligenza u prudenza ordinarja u normali, ghandhom ikunu atti frawdolenti li necessarjament iqajmu sentimenti kif indikat fl-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali. Minbarra l-gideb irid ikun hemm l-ingann, ir-raggiri jew is-simulazzjoni li jwasslu sabiex il-vittma jemmen jew ikollu fidi f' dak li qed jigi lilu mwieghed mill-frodatur. Dan l-ingann, ghalhekk, ghandu jkun akkumpanjat b'artifizji. kwazi teatrali, u mhux semplicement weghdiet, promessi u kliem semplici: Ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 309 tal-Kodici Kriminali huwa kompriz u involut f' dak ikkontemplat fl-artikolu 308 ta' l-istess Kodici. Dan johrog car minn interpretazzjoni akkurata ta' l-artikoli 308, 309 u 310, kif ukoll fuq l-iskorta tal-gurisprudenza in materja."*

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal-kaz **Il-Pulizija vs Marjanu Zahra** intqal (u li sussegwentement giet ikkonfermat mill-Qorti tal-Appell Kriminali[88]:

*'Biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fissentenzi tal-Qrati taghna illi jridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn min qieghed*

[87] Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri); Imhallef Emeritus Patrick Vella; Deciza 31 ta' Lulju 1998
[88] Deciza 17 ta' Mejju 2012; Appell Numru 139/2011

*jikkometti ir- reat u il- vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir- reat u cioe' l'uzu ta' ingann jew raggieri li jwasslu lil vittma sabiex issofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li jkun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (per Imhallef Carmel. A. Agius) deciza fit-22 ta' Frar 1993, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Charles Zarb, il-Qorti ghamlet esposizzjoni ferm preciza studjata u dettaljata ghar-rigward ta'l-elementi ta' dana ir-reat. IlQorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana ir-reat:*

*"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Francis ... Id- disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir- reat ta' truffa kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta'l-artikolu 430 talKodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi .....". Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta'l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.*

*Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.*

*Fit-tieni lok il-legislatur, aktar mill-interess socjali tal- fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta'lingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.*

*Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt tat-truffa kull min:*

*a. b'mezzi kontra l-ligi, jew*

*b. billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew*

*c. ta' kwalifiki foloz jew*

*d. billi jinqeda b'qerq iehor u*

*e. ingann jew*

*f. billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,*

*g. jew ta' hila*

*h.setgha fuq haddiehor jew*

*i. ta' krediti immaginarji jew*

*j. sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, cjaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.*

*".... Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. ...."*

*Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi "hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess filmenti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza "Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."*

*Ghar-reati ta' truffa komtemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici kriminali, il-Qorti iccitata lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi "kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita' prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene."*

*"....Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il- kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm lelement intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar- reat filmument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta'l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d- dolo."*

*Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta'l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-qrati taghna jidher illi l- elementi rikjesti sabiex jisussisti ir-reat tal-frodi baqghu invarjati fi-zmien.*

*Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewelieni fir-reat tal-frodi huwa "l'elemento del'danno patrimoniale" Biex imbaghad jissusti dana it-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu "I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179)*

*Illi ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat- truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (IlPulizija vs Patrick Spiteri deciza 22/10/2004) : "L'agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."*

*Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbaghad jikkontempla ir- reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir- reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifizji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioe' is-suggett passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali. Illi kif gie deciz fis-sentenza Il- Puliizja vs Carmela German (Appelli Kriminali Inferjuri 30/12/2004): "Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta' l-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioe' intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonoqs milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment minnaha l-ohra."*

*Illi ghalhekk mill-fattispecje ta' dana l-kaz il-Qorti trid tara jekk jezistux l-elementi legali rikjesti ghar-reat tat-truffa. Illi minghajr l-icken dubbju jirrizulta illi l-imputat bil-mezz ta' ingann u uzu ta' dokument illi huwa kien jaf ben tajjeb li kien falz irnexxielu jikseb fuel li ma kienx intitolat ghalih sabiex b'hekk huwa arrikkixxa ruhu u dana ghad-dannu tal-Water Services Corporation li spiccaw kellhom ihallsu ghal fuel li ittiehed indebitament millimputat. Illi l-Qorti ma tistax taqbel mad-difiza illi dana il-kaz ghandu il-fattispecje tar-reat tas-serq u dana peress illi l-imputat ma huwiex qed jiehu ad isaputa tas-sid l-oggett, izda qed jadopera mezzi u cioe' 'l hekk imsejjha artifizji*

*sabiex jinganna u jiehu l-fuel li ma kienx intitolat ghalih. Fil-fatt fil-maggior parti taghhom jirrizulta illi l-vouchers ipprezentati millimputat kollha gew imhallsa mill-Korporazzjoni. Illi f'dana il-kaz hemm l-applikazzjoni ta'lartikolu 310(1) billi jirrizulta mill-atti illi l-ammont ta' fuel li ittiehed mill-imputat kien jeccedi l-elf lira maltin jew l-ammont ta' €2329.37.*

Il-Qorti taghmel referenza ghal kaz **Il-Pulizija vs Charles Zarb**[89] fejn intqal:

*"Ghar-reat ta' truffa hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' substrat ghall-verosimiljanza tal-falsita' prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. M'huwiex bizzejjed ghall-finijiet ta' l-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali affermazzjonijiet, luzingi, promessi minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzonjeri tal-frodatur. Kwantu jirrigwarda d-dolo, irid ikun hemm lintenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann il-konsenja tal-flus jew oggett li jkun bi profitt ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn ilkliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l- element intenzjonali ta' truffa hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu jkun konxju ta' l-ingustizzja tal-profitt, u b'dan il-mod il-legittima produttivita' tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."*

Finalment il-Qorti taghmel referenza ghal kaz **Il-Pulizija vs Anthony Fountain u Stephen k/a Steve Abela**[90] fejn gie spejgat l-elementi differenti bejn l-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali.

*'Illi d-differenza bejn r-reati ipotizzati f'l-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-elementi rikjesti biex jissussistu dawn ir-reati, hija ben stabbilita fil-gurisprudenza taghna.*

*Fil-Ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill- vittma*

---

[89] Qorti tal-Appell Kriminali; Imhallef Emeritus Carmel A Agius; Deciza 22 ta' Frar 1993

[90] Qorti tal-Magistrati (Malta) Gudikatura Kriminali; Deciza 15 ta' Dicembru 2011

*sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent ... jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi - dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mis en scene - ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolenti innominat).*

*Illi x'jikostitwixxi r-raggiri u l-artifizji ukoll huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna. Fi kliem Antolisei:*

*'artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita. .... E certo che l'espressione del codice di per se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera.'*

*Antolisei jkompli jghid pero li*

*'nell'applicazione pratica della legge questa idea e' andata sempre piu affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si e' finito con l'ammettere che anche la semplice menzogna puo bastare per dare vita alla truffa.'*

*Illi f'dan is-sens anke l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk dwar il-messa in xena:*

*Il-Ligi taghna ma tirrikjediex li l-messa in xena, cioe dawk l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet."*

**Ikkunsidrat**

**L-approprjazzjoni bla jedd**

L-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jghid:

*"Kull min japproprja ruhu, billi jdawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-*

*obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar:*

*Izda ebda procediment kriminali ma jista' jinbeda ghal dan id-delitt, hlief bi kwerela tal-parti."*

L-artikolu 294 tal-Kodici Kriminali jghid:

*"Madankollu, meta d-delitt imsemmi fl-ahhar artikolu qabel dan jigi maghmul fuq haga fdata jew ikkunsinnata lill-hati minhabba l-professjoni, industrja, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, l-azzjoni kriminali titmexxa ex officio, u l-piena tkun ta' prigunerija minn seba' xhur sa sentejn."*

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza **Il-Pulizija vs Alan Azzopardi et**[91] fejn gie ritenut:

*Skond gurisprudenza kostanti u anke skond awturi, generalment huwa ritenut li l-estremi ta' dan r-reat ta' approprazzjoni indebito huma dawn li gejjin:*

1. *Illi l-pussess tal-haga jkun gie trasferit lis-suggett attiv tar-reat <u>voluntarjament</u> mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi specifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivocita, li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lil agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid*

[91] Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera, Deciza 24 ta' Novembru 2000

*tkun maghmula con l'animo di spostarsi del posesso, ghax altrimenti jiffugura mhux r-reat tal-approprazzjoni indebito, imma s-serq.*

2. *Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx wkoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju cioe tal-proprjeta ghaliex f'dan il-kaz ma jiffugurax l-element tal-azzjoni indebita (kif fil-fatt gara f' dan il-kaz meta sar il-bejgh).*

3. *Illi l-oggett irid ikun mobbli;*

4. *Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jaghmel tieghu il-haga cioe japproprja ruhu minnha jew jbiegha jew jiddistruggiha a proprio commodo o vantaggio;*

5. *Irid ikun hemm wkoll l-intenzjoni tas-suggett attiv tar-reat li japproprja ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor u finalment xi awturi jsostnu wkoll li jrid ikun hemm d-dannu patrimonjali kawzat lil proprjetarju li fil-konfront tieghu tkun saret l-approprazzjoni indebito.*

*Fuq dan il-punt il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta' Marzu,** 1993 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Ali Abdulla Bakush** fejn dik il-Qorti ddecidiet li ma tespandix fuq dan l-ahhar element*

*ghaliex hemm teoriji li appena s-suggett attiv tar-reat jdawwar bi profitt ghalih l-oggett, dan minnu nnifsu ikun jikkostitwixxi dannu patrimonjali. Hu x'hinu pero jidher car li l-kuncett kollu tal-approprazzjoni indebito huwa koncepit mhux biss fuq l-abbuz ta' fiducja imma fuq il-fatt li pesuna taghmel uzu bi profitt ghaliha <u>minn oggett li jappartjeni lil haddiehor</u>, liema haddiehor ikun fada dak l-oggett f'idejn is-suggett passiv f'wiehed mic-cirkostanzi li jikkontempla l-artikolu 293 tal-Kodici taghna.*

*In generali jinghad li fid-dottrina b'approprazzjoni indebito wiehed jifhem li dik il-vjolazzjoni ta' dawn l-kuntratti li bazati kif inhuma fuq il-fidjucja, jissejjah kuntratt fiducjarju u essenzjalment jikkonsisti fl-istorn tal-haga fdata ghal skop determinat (ara* ***Crivellari - Dei Reati contra la Proprieta*** *– pg. 498; ediz. 1998).*

*Il-**Carminiani** fil-ktieb tieghu **Elementi Iuris Criminali -** (para 1020) jiddefinixxi dan r-reat li huwa jsejjahlu bhala:*

> *"il fatto de quo liu, che avendo ricevuto dal propretario mediante contratto <u>non</u> transiattivo di dominio, una cosa immobile, questa contro i patti e contro la volonta del propretario stesso e converta in uzo proprio con animo di appropriarsela o la distrugge e a proprio lucro e commodo."*

***Carrara*** *fil-kieb tieghu* ***Diritto Penale*** *taht t-titolu* ***Esposizione dei Delitti Inspecie*** *(vol 4. para 284) li wkoll jissejjah dan r-reat truffa b'mod l-aktar sintetiku, jiddefinixxi dan r-reat bhala:*

> *" la dolosa approprazione di una cosa altrui che si e' ricevuto del propretario per una convenzione non translattiva di domino e da uzo determinato."*

*Essenzjalment ghalhekk l-approprazzjoni indebito ma hi xejn hlief abbuz ta' fiducja li permezz tieghu wiehed jirrendi bi profitt ghalih haga li tkun giet konsenjata lilu jew fdata f'idejh b'att liberu u spontanju (vide* ***Il-Pulizija v Joseph Mifsud deciza nhar t-tnejn ta' Dicembru, 1992 mill-Qorti tal-Appell Kriminali; Il-Pulizija v Joseph Richmond et deciz nhar l-erbatax ta' Jannar, 1993; Il-Pulizija v Capt. Albert Mallia deciz nhar l-hamsa w ghoxrin ta' April, 1949*** *u* ***Il-Pulizija v Emanuel Cassar deciz nhar l-ghoxrin ta' Ottubru, 1997.****)*

*B'dan il-Qorti trid tfisser li irid ikun hemm konversjoni u hemm konversjoni inter alia meta l-hati jkun ircieva l-haga biex minnha jaghmel uzu determinat u minflok li jikkommettiha ghal beneficcju tieghu stess jew jiddisponi mill-haga kuntrarjament ghal pattijiet stipulati in buona fede.*

**Ikkunsidrat**

**L-ewwel imputazzjoni**

Mhuwiex qed jigi kontestat li l-imputata giet mghoddija xi flejjes minghand Simon Grixti, Alawer Hamsa u Marflene Cricchiola.

Wiehed mill-arrangamenti li jirrizultaw ma' Hamsa kien li jghaddilha €15,000 u li mill-qligh tithallas Charmaine Cassar (li effettivament laqqaghtha mieghu), peress li Hamsa kellu jaghti lil Cassar. Dan l-arrangament kien biex iggib xi *containers* tar-Red Bull li skond l-imputata kienu maqbudin. Sussegwentement ghaddielha aktar flus biex iggiblu *container* Pepsi. Effettivament jirrizulta li l-ebda konsenja imweghda mill-imputata ma waslet u ghalhekk dawn l-arrangamenti ma mmaterjalizzawx.

Fir-rigward ta' Simon Grixti, jirrizulta li dan taha s-somma ta' €10,000 bhala *deposit* ghal konsenja Red Bull. Jidher li lanqas dan il-*container* qatt ma wasal. Sussegwentement skond il-verzjoni ta' Grixti u Hamsa, huma ordnaw disa' *containers* ilma. Skond huma, qatt ma hadu xejn minn dak li ordnaw. Jghidu li fuq l-ewwel negozju qeghdin madwar €26,000 minn taht filwaqt li meta kienet ghadditilhom tliet cekkijiet f'total ta' €60,000, dawn ma ssarfux ghax irrizulta li kienu twaqqfu minn sid ic-cheque, u cioe', hu l-imputata – Silvio Sciberras.

Marflene Cricchiola, imbaghad, jghid li huwa kien hallas €29,000 ghal xoghol li suppost kien wasal id-Dwana izda dan in-negozju wkoll baqa' qatt ma mmaterjalizza. Eventwalment, jghid Cricchiola, kienet tatu *cheque* ta' certu John Mary Agius izda dan il-pagament ma giex onorat. Jghid li sar biss pagament wiehed ta' madwar €400, u xejn aktar.

Jed Isaac Cassar, iben Charmaine Cassar, jikkonferma li l-konsenja ta' Red Bull qatt ma waslet Malta filwaqt li Silvio Sciberras jghid li l-imputata kienet dawwret fuqha tliet cekkijiet tieghu intizi ghal skop iehor, u kien hu li ordna li jitwaqqfu. Jghid ukoll li Hamsa kien saqsieh dwar is-€60,000 tal-ilma li kien ordna.

Din il-Qorti sejra tqis jekk, fir-rigward tal-verzjonijiet moghtija mill-partijiet, l-imputata kkommettietx reat ai termini tal-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali.

M'hemmx dubju li Hamza, Grixti u Cricchiola, jallegaw li l-imputata qarrqet bihom. Din il-Qorti wkoll ma ghandhiex dubju li l-imputata 'gidbet' f'uhud mit-transazzjonijiet imwieghda minnha.

Mill-provi prodotti jirrizulta, fil-fehema ta' din il-Qorti li huwa minnu li l-imputata gidbet lil Hamza, Grixti u Cricchiola dwar allegati transazzjonijiet. Dan pero' ma jfissirx li l-ewwel imputazzjoni kif dedotta ghandha necessarjament tirrizulta. Fil-fatt, din il-Qorti ssibha bi tqila biex tara li kien hemm xi *"artifizji. kwazi teatrali, u mhux semplicement weghdiet, promessi u kliem semplici"*[92]. Ghall-kuntrarju, jidher li dak kollu li ghamlet l-imputata kien li ftehemet xi tip ta' transazzjoni mal-vittmi, b'mod li dawn ikkonvincew ruhhom u qablu li jaghmlu dan in-negozju maghha – fejn wara irrealizzaw li minn dak in-negozju ma kien hemm xejn.

Din il-Qorti pero' tqis li l-ewwel imputazzjoni, ghalkemm taqra t-test tal-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali, tikkomprendi wkoll ir-reat kontemplat fl-artikolu 309 tal-istess Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-fatt, anke l-Avukat Generali, fl-artikoli ghall-gudizzju, jindika l-artikolu 309 tal-Kodici Kriminali.

Issa ghall-finijiet ta' sejbien ta' htija taht dan l-artikolu, kif gja' spjegat aktar 'il fuq, ma hemmx bzonn xi tip ta' *mis en scene* b'artifizji 'kwazi teatrali' – izda s-semplici gidba, hija sufficjenti.

Fir-rigward ta' l-imputazzjoni numru wiehed moqrija fid-dawl tal-artikolu 309 tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti hija konvinta li fir-rigward tat-tliet vittmi,

[92] Pulizija vs George Manicolo, Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri); Imhallef Emeritus Patrick Vella; Deciza 31 ta' Lulju 1998

Hazan, Grixti u Cricchiola, l-imputata hija hatja tal-frodi innominata – u dan peress li l-element tar-raggiri jew artifizji, kuntrarjament ghal dak mehtieg taht l-artikolu 308 tal-istess Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa nieqes.

Issa qabel din il-Qorti tghaddi biex issib htija taht dan l-artikolu, hemm htiega li wiehed jikkunsidra wkoll l-alternattivita' tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni ossija dik tal-approprjazzjoni indebita. Dan qed jinghad l-ghaliex jekk tinstab hatja ta' din l-imputazzjoni, din il-Qorti jkollha tastjeni milli tikkunsidra t-tieni imputazzjoni. Dwar dan, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri) fis-sentenza **Il-Pulizija vs Annabelle Camilleri (Monreal)** (deciza fil-15 ta' Settembru 2022) tghid hekk:

> *Illi għalkemm il-ġurisprudenza qieset li l-frode innominata huwa reat kompriż u involut f'dak tat-truffa, ma jfissirx li pero l-liġi stess ma tipotizzahomx ukoll bħala reati alternattivi għal dawk li jinsabu fis-Subtitolu III "Fuq il-Frodi". Dan, wara kollox, joħroġ middiċitura tal-Liġi li toħloq ir-reat ta' frode innominata fejn l-Artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali jsemmi biċ-ċar li s-sejbien ta' ħtija taħt dan lartikolu jista' biss jitqies integrat fil-każ fejn xi persuna tkun, bi ħsara ta' ħaddieħor, għamlet xi qligħ ieħor b'qerq, mhux imsemmi flartikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu. 3 Issa kemm ir-reat ta' approprjazzjoni indebita, kif ukoll dawk ta' truffa u frode innominata jinsabu fl-istess Sub-Titolu III intitolat "Fuq il-Frodi" u li lkoll allura jaqgħu taħt it-Titolu IX intitolat "Fuq id-Delitti kontra l-Proprjeta u sSigurta' Pubblika". Dan ifisser li jekk il-qligħ b'qerq ikun pruvat li jkun sar b'xi mezz imsemmi fl-artikoli ta' qabel l-artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali dwar il-frode innominata, allura r-reita' tiskaturixxi minn dawk l-artikoli ta' qabel li taħthom il-qligħ b'qerq ikun pruvat li jkun seħħ: approprjazzjoni jew truffa jew xi reat ieħor skont il-każ. U f'każ fejn allura jkun sar qligħ ieħor, bi ħsara ta' ħaddieħor, iżda mhux b'mod imsemmi fl-artikoli ta' qabel l-artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali, f'dak il-każ tkun tista' tiġi integrata r-reita taħt l-artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali konsistenti fi frode innominata.*

*F'każ fejn ikun hemm fatt ġuridiku wieħed, u r-reati ta' approprjazzjoni indebita, truffa u frode innominata jkunu ġew kontestati b'mod alternattiv għal xulxin, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tkun trid l-ewwel tikkonsidra jekk il-provi jintegrawx ir-reat ta' approprjazzjoni indebita jew truffa. Jekk issib ħtija talapproprjazzjoni indebita, il-Qorti tkun trid tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-reati l-oħra ta' truffa u frode innominata. Jekk mill-banda l-oħra ssib ħtija fir-reat ta' truffa, tkun trid issib ħtija firreat ta' truffa iżda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-reati t'approprjazzjoni indebita u frode innominata kontestati. Jekk ilQorti ma ssibx li l-Prosekuzzjoni tkun pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni l-elementi tal-approprjazzjoni indebita jew it-truffa, iżda ssib li persuna tkun, bi ħsara ta' ħaddieħor, għamlet qliegħ ieħor b'qerq, allura tkun tista' ssib ħtija għar-reat ta' frode innominata filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-reati l-oħra.*

*Dan jingħad in bażi għall-ġurisprudenza li tisħaq, f'kuntest ta' imputazzjonijiet naxxenti minn fatt ġuridiku waħdieni: (a) dwar il-formula tal-astensjoni fil-każ ta' imputazzjonijiet mixlija b'mod alternattiv; u (b) l-inkompatibilita ġuridika bejn ir-reati ta' truffa u frode innominata fuq naħa u dak tal-approprjazzjoni indebita fuq l-oħra.*

Anke fis-sentenza **Il-Pulizija vs Mary Vella** (deciz fl-1 ta' Frar 2002 mill-Qorti tal-Appell Kriminali) inghad hekk:

*Din il-Qorti tosserva wkoll li l-ewwel qorti, fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, waslet ghall-konkluzzjoni li din it-tieni imputazzjoni kienet alternattiva ghallewwel wahda, u ghaddiet biex tillibera lill-appellanti (allura imputata) minn din it-tieni imputazzjoni. Ghal kull buon fini din il-Qorti sejra ttenni dak li diga nghad f'diversi sentenzi u cioe` li meta l-imputazzjonijiet jew akkuzi jkunu alternattivi, qorti ta' prim' istanza li ssib htija dwar imputazzjoni jew akkuza minnhom ghandha mhux tillibera mill-imputazzjoni jew akkuza*

*alternattiva izda tastjeni milli tiehu konjizzjoni aktar taghha, u dan sabiex b'hekk qorti ta' appell ma tigix prekluza milli tiddeciedi bil-kontra (fir-rigward ta' dawk limputazzjonijiet jew akkuzi alternattivi) fl-assenza ta' appell minn naha talprosekuzzjoni – ara f'dan is-sens Il-Pulizija v. Carmelo Ciantar App. Krim. 18/9/1996, Il-Pulizija v. Carmel Debono App. Krim. 1/11/1996, u Il-Pulizija v. Paul Abdilla u Alfred Oliva App. Krim. 20/11/2000.*

Fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Abdoul Moumine Abdoulaye Maiga** deċiż nhar l-14 ta' Diċembru 2017 intqal:

*Illi fil-fatt fid-decizjoni Il-Pulizija vs Edwin Petroni et iccitata superjorment mil-Ewwel Qorti hemm mghallem illi: "Ir-reat ta' approprjazzjoni indebita jiddistinwgi ruhu …. ukoll mit-truffa ghax id-detentur tal-haga ma jigix ingannat permezz ta' raggiri jew artifizji biex jitlaq minn idejh dik il-haga favur l-agent." "L-element partikolari tar-reat ta' approprjazzjoni indebita mhuwiex l-uzu ta' l-ingann da parti ta' l-agent biex jottjeni l-oggett, izda linversjoni tat-titolu tal-pussess tal-haga li l-agent ikun ottjena minghand issuggett passiv bil-libera volonta' ta' dan. Fl-approprjazzjoni indebita ma jezisti ebda element ta' frodi fis-sens li fl-approprjazzjoni indebita m'hemmx l-element ta' fiducja li essenzjalment jiffacilita tali reat." "Ir-reat ta' truffa jiddistingwi ruhu essenzjalment minn dak ta' approprjazzjoni indebita, in kwantu fl-ewwel ipotesi l-pussess tal-oggett li minnu jsir profitt indebitu jigi ottenut bhala rizultat ta' ngann adoperat milkonsenjatarju, mentri fl-ipotesi l-ohra dak il-pussess ikun gie konsegwit mill-konsenjatarju legittimament, cjoe' minghajr ingann4 . Fit-truffa l-ligi riedet timpedixxi l-inganni ghat-trasferiment ta' oggett biex isir profitt indebitu minnu; fl-approprjazzjoni ndebita l-ligi riedet tevita li min ikollu legittimament haga ta' haddiehor ma jabbuzax mill-fiducja lilu moghtija u jiddisponi minnha bhala tieghu. Ghalkemm minhabba f'din iddistinzjoni, l-approprjazzjoni ndebita hija kunsidrata mill-ligi anqas gravi mittruffa, iz-zewg reati ghandhom bhala karatteristika principali l-lezjoni tad-dritt tal-proprjeta',*

*jew dritt iehor reali, minghajr il-vjolazzjoni tal-pussess; u huma t-tnejn talvolta maghrufa fid-dottrina bhala "furto improprio."*

Dan allura juri li fl-istess fatt ġuridiku ma jistax ikun hemm reita kontemporanja kemm għal truffa jew frode innominata kif ukoll ta' approprjazzjoni indebita. Jekk il-flus jew oġġetti jkunu għaddew mingħand is-suġġett passiv għand is-suġġett attiv bil-mezz tal-ingann jista' jkun hemm truffa jew frode innominata, iżda mhux ukoll approprjazzjoni indebita; u dan peress li l-passaġġ tal-flus jew oġġetti oħra, għall-fini tal-integrazzjoni tal-approprjazzjoni indebita, jridu jkunu għaddew mingħajr l-ingann. F'dan is-sens allura leżistenza tat-truffa jew frode innominata teskludi l-approprjazzjoni indebita u vice versa in kwantu f'dak is-sens ma humiex legalment kompatibbli.

Kif gja' inghad, din il-Qorti, mill-assjem tal-provi, tqis li gie soddisfacjentement ipprovat li l-imputata iffrodat lill-vittmi Hamza, Grixti u Cricchiola u li l-artikolu 309 tal-Kodici Kriminali huwa applikabbli.

Ghaldaqstant, din il-Qorti sejra ssib htija a bazi ta' din id-disposizzjoni u sejra tastjeni milli tikkunsidra t-tieni imputazzjoni a bazi tal-insenjamenti hawn fuq citati.

**Ikkunsidrat**

**L-addebitu tar-recidiva**

Illi l-imputata tressqet akkuzata tali rendiet ruha recidiva bl-istess sentenza moghtija lilha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Dr. Doreen Clarke fit-12 ta' Marzu 2009.

Il-prosekuzzjoni esebit sentenza f'dan ir-rigward.[93] Minn din is-sentenza jirrizulta li l-imputata kienet tressqet fuq frodi u wara li kienet giet misjuba hatja ta' l-ewwel imputazzjoni giet ikundannata tlettax il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gew sospizi ghal sentejn kif ukoll li fi zmien tlett xhur kellha thallas somma ta' €18,634.99 lil parte civile Rose Marie Formosa skont l-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk il-Qorti tara li l-addebitu tar-recidiva giet sufficjentement ipprovata u l-imputata ghandha titqies li hija recidiva ghal fini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi ghal-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

- Il-prosekuzzjoni esebit il-fedina penali ta' l-imputata[94]. Illi fil-fedina penali ta' l-imputata jirrizulta li hemm diversi sentenzi registrati kontriha relatati ma' l-istess imputazzjonijiet.

- Illi minn uhud mix-xhieda tad-difiza jirrizulta li l-imputata ghamlet l-almu taghha tul is-snin sabiex tobdi u ssegwi ordnijiet moghtija liha u ddawwar hajjitha u tinqata minn ma certu inkwiet li kienet iltaqa fis-snin ta' qabel.

**Ikkunsidrat**

[93] Folio 70-77 ta' l-atti processwali
[94] Folio 4-6 ta' l-atti processwali

Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tapplika l-artikolu 532A tal-Kodici Kriminali din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-22 ta' Novembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jeffrey Cassar**[95] fejn fir-rigward ta' imputazzjonijiet li kienu jirrisalu ghat-13 ta' Novembru 2015 il-Qorti tal-Appell Kriminali iddecidiet hekk:

> *Il-Qorti ma tistax tordna li ai fini tal-artikoli 15A u 532A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta lill-appellat ihallas lill-kwerelanti s-somma ta' €2,120 bhala bilanc mill-valur tal-oggetti li gew misapproprijati minnu* ***stante li tali disposizzjonijiet tal-ligi gew in vigore wara li sehh ir- reat in desamina.***

Effettivament jirrizulta li l-artikolu 15A (ghalkemm mhux invokat espressament mill-prosekuzzjoni fic-citazzjoni, u lanqas mill-Avukat Generali fl-artikoli ghall-gudizzju) gie introdott fl-2018 bl-Att XIII tal-2018 u sussegwentement emendat bl-ATt XXXII tal-2018.

Madankollu, din il-Qorti tosserva li l-artikolu 532A tal-Kodici Kriminali gie introdott u mizjud bl-Att XVI tal-2006 (u ghalhekk qabel ir-reati mertu ta' din il-kawza).

Din id-disposizzjoni tghid hekk:

> ***532A.*** *Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 24 tal-Att dwar il-Probation għar-rigward tas-setgħa li għandha l-qorti li tordna lill-ħati jħallas id-danni għandhom ukoll mutatis mutandis japplikaw kull meta jiġri li persuna tingħata sentenza wara li tkun instabet ħatja ta' delitt.*

[95] Appell Numru 933/2015 (moghtija mill-Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera)

Issa l-artikolu 24 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta gie introdott bl-Att VII tal-2002 u dak iz-zmien din id-dispozizzjoni kienet taqra hekk:

*(1) Meta Qorti taghmel ordni ta' probation, ordni ta' servizz fil-komunita', ordni ta' probation u servizz, ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata jew meta tillibera lil xi hati ghal kollox tista', minghajr pregudizzju ghall-poter li ghandha dwar l-ispejjez taht l-artikoli 380 u 533 tal-Kodici Kriminali, tordna lill-hati jhallas dawk id-danni ghal xi feriment jew b'kumpens ghal xi telfien hekk kif il-qorti jkun jidhrilha li jkun l-aktar ragonevoli.*

*(2) Ordni ghall-hlas ta' danni jew kumpens kif hawn qabel imsemmi tista' tigi infurzata bl-istess mod bhallikieku din kienet inghatat f'azzjoni civili bejn il-hati u l-persuna lil min id-danni jew il-kumpens jigu ordnati li ghandhom jithallsu:*

*Izda ebda naha f'dan l-artikolu m'ghandha tidderoga mid-dritt ta' dik il-persuna li tkopri kull ammont iehor li jifdal b'xi mezz iehor minghand il-hati jew minghand xi persuna ohra li tista' tkun responsabbli ghall-istess hlas.*

L-Artikolu 11 tal-Att XVI tal-2006 li zied l-artiolu 532A tal-Kodici Kriminali jaqra ezattament dak li jaqra llum. F'dan l-Att, l-artikolu 1 (2) jaqra li l-istess Att ghandu jibda jsehh f'dik id-data li l-Ministru responsabbli ghall-gustizzja jista' jistabbilixxi b'avviz fil-Gazzetta u jistghu jigu appuntati dati differenti ghal disposizzjonijiet differenti jew ghal ghanijiet differenti ta' dan l-Att.

Issa bl-Avviz Legali 231 tal-2006, l-artikolu 11 tal-Att XVI tal-2006 (ossija dak li dahhal fis-sehh l-artikolu 532A tal-Kodici Kriminali) il-Ministru responsabbli stabbilixxa li d-data tat-3 ta' Ottubru 2006 bhala d-data li fih dan l-artikolu ghandu jidhol fis-sehh.

Ghaldaqstant, din il-Qorti, b'rispett, ma tistax taqbel mal-Onorabbli Qorti tal-Appell meta qieset li l-artikolu 532A tal-Kodici Kriminali huwa inapplikabbli ghal reati li sehhew fl-2015 – hekk kif inhu dan il-kaz.

Issa pero', din il-Qorti qieset l-ilmenti tal-vittmi kollha, fosthom dawk ta' Hamza u Grixti. Fil-fatt jirrizulta, minn *judicial cognizance* li din il-Qorti hadet ta' sentenza li ghaddiet in gudikat quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet SG Marketing Limited et vs Joanne Sciberras moghtija mill-istess Prim' Awla fis-7 ta' Novembru 2018, li dak iz-zmien (u ghalhekk wara l-kwerela mressqa minnhom f'din il-kawza) kienet ta' madwar €30,000 bejniethom.

M'hemmx dubju li dawn l-ammonti ma jikkomparawx mal-ammonti imsemmija mill-vittmi f'din il-kawza. F'kull kaz, din il-Qorti, filwaqt li tikkonferma li hija konvinta li l-imputata hija hatja tal-frodi innominata taht l-artikolu 309 tal-Kodici Kriminali, ghandha dubji serji dwar il-quantum allegat mill-vittmi.

Ghal dawn ir-ragunijiet, u stante li hemm divergenzi serji dwar il-quantum imsemmija mill-vittmi u dawk li effettivament jirrizultaw, din il-Qorti mhijiex sejra taghti ordni taht l-artikolu 532A – dan anke fid-dawl li l-vittmi Hamza u Grixti gja' ottjenew gudikat fil-kawza civili taghhom intavolata wara din il-kawza, u cioe' fid-29 ta' Awissu 2016.

Fir-rigward tal-vittma Cricchiola, din il-Qorti m'ghandhiex dubju li l-imputata ffrodatu f'xi flus, izda l-quantum tal-istess flus huwa wkoll incert. Konsegwentement, din il-Qorti ma hijiex sejra taghti ordni ta' hlas ta' danni taht l-artikolu 532A tal-Kodici Kriminali, anke fir-rigward ta' dan il-vittma.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 308, 309, 310(1)(a), 293, 294, 49, 50, 17, 18, 31, 532A, 532B, u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Joanne Sciberras **hatja** ta' l-ewwel imputazzjoni izda dan limitatament ai termini tal-artikolu 309 tal-Kodici Kriminali, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni ghar-ragunijiet hawn fuq spjegati, u ssibha **hatja** wkoll tal-addebitu tar-recidiva, u konsegwentement tikkundannaha ghal piena ta' prigunerija ta' tmintax (18)-il xahar prigunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qeghdin jigu sospizi ghal terminu ta' erba' (4) snin mid-data ta' din is-sentenza.

Il-Qorti, a tenur tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodici Kriminali, spjegat lill-hatja bi kliem car ir-responsabbilita' taghha taht l-Artikolu 28B tal-Kodici Kriminali jekk hija tikkommetti, matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Mill-gdid, ghar-ragunijiet kollha hawn fuq spjegati, din il-Qorti mhijiex sejra taghti ordni taht l-artikolu 15A u/jew 532A tal-Kodici Kriminali.

In vista tal-fatt li ma gewx mahtura esperti f'dan il-kaz, din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Moghtija illum nhar il-15 ta' Dicembru 2022 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**